MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 6

MALTA V LITWANJA 18

MALTA V LATVJA 38







Nru. 115 **Ottubru 2016**

# SPORTIV





**Premier**
Birkirkara jifthu l-isfida berah 24

**Gozo Sports**
Xewkija Tigers jirbhu s-Super Cup ghat tielet darba 40

**Storja Football Malti**
Floriana jibdew b'rebha 44

**Kompetizzjoni**
Irbah €25 voucher ma' Teamsport


Carlsberg
Probably the best beer in the world.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts

# Ottubru 2016



**Jesmond Moore**
*Editur*



Ix-xahar ta' Ottubru se jibqa' mfakkar għal bosta konfronti li t-timijiet nazzjonali Maltin lagħbu fix-xena internazzjonali.

L-aktar partita li tispikka kienet dik mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2018, li t-team nazzjonali tal-kbar lagħab kontra l-Ingilterra, f'Wembley Stadium, li ġabet magħha nostalġija kbira tas-snin 70 meta dawn iż-żewġ timijiet iltaqgħu għall-ewwel darba.

Kienet partita li fiha ksibna riżultat prestiġjuż meta tlifna bl-iskor ta' 2-0, li iżda, l-Ingliżi ma kienux kuntenti bir-riżultat.

Iżda fuq kollox irridu nsellmu lit-team ta' Taħt il-21 sena, taħt it-tmexxija tal-coach Silvio Vella, li kiser ir-rekord ta' punti, b'total ta' 11, mindu din il-kategorija ilha tieħu sehem fil-Kampjonat Ewropew.

F'dak li jirrigwardja l-Kampjonat Premier, Birkirkara fetħu beraħ l-isfida meta għelbu lil Balzan bl-iskor ta' 3-0 biex issa anke Valletta u Hibernians daħlu fit-taqtiegħa li s'issa ddiżappuntaw.

**irbaħ €25 voucher ma'**

**TeamSporT®**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Kemm kien l-iskor bejn l-Ingilterra u Malta?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2016:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 114 hija:*
**Marsa**

*Ir-rebbieħ huwa: R. Borg (Xemxija)*



Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA





**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
**115**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Mario Mercieca
Ryan Bezzina
Jurgen Stellini
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg


**Cover**
Azzjoni bejn Gareth Sciberras (Malta) u Wayne Rooney (Ingilterra) fil-partita valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018 f'Wembley Stadium
Ritratt: Christine Borg


UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa



**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**






# Werrej


**6** **MFA** Il-ħidma kontinwa tal-MFA

**16** **Malta vs Ingilterra** Riżultat prestiġjuż kontra l-Ingilterra

**18** **Tazza tad-Dinja 2018** It-tieni telfa fi spazju ta' tlett ijiem

**20** **Kampjonat Ewropew U/21** Rebħa fuq il-Latvja .... Rekord ta' tmien punti

**22** **Kampjonat Ewropew U/21** Il-team Malti jlemm l-impenji tiegħu fuq nota mill-aktar pożittiva

**26** **Kampjonat Premier** Birkirkara jiftħu l-isfida beraħ

**30** **L-Ewwel Diviżjoni** Tliet timijiet fl-ewwel post

**34** **It-Tieni Diviżjoni** Taqtiegħa bejn tliet timijiet?

**36** **It-Tielet Diviżjoni** Msida SJ jaqbżu waħedhom fl-ewwel post

**38** **Poster** It-team nazzjonali ta' Malta u t-team nazzjonali tal-Ingilterra

**40** **Youth FA** Jispiċċaw il-fażi tal-gruppl

**42** **Motorsport** Neville Ciantar itemm fit-tielet post f'kompetizzjoni Offroad fl-Ingilterra

**44** **Snooker** Judd Trump bis-sitt titlu personali

**Gozo Sports** Xewkija Tigers jirbħu s-Super Cup għat-tielet darba

**46**

**MEUSAC** Jgħinu l-organizzazzjoni lokali tikseb fondi Ewropej

**Storja tal-Football Malti** Floriana jibdew id-difiża b'rebħa kbira fuq Rabat

**Tisliba/ Spotball** Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio



mfa.com.mt

# Il-UEFA b'workshop ieħor f'Malta




Fil-21 ta' Settembru, fil-Lukanda Westin Dragonara, f'San Ġiljan, iltaqa' il-ħmistax il-UEFA Club Licensing & Financial Fair Play Annual Workshop. Għal dan il-workshop, għal din is-sena, il-UEFA għażlet li jsir f'Malta.

Għal-laqgħa ġew f'pajjiżna delegati minn 55 Assoċjazzjoni Ewropea, uffiċjali mid-dipartimenti tal-Liċenzjar ta' kull Assoċjazzjoni. Is-Sinjuri Deo Scerri, Mark Scalpello u Mario Gauci, attendew għal dan il-workshop f'isem il-Malta Football Association.

Norman Darmanin Demajo, President tal-MFA, fetaħ dan il-workshop b'diskors ta' introduzzjoni. Huwa beda billi sellem lil dawk kollha preżenti, fosthom lil David Gill, il-viċi president tal-UEFA responsabbli mil-Liċenzjar fil-futbol u kif ukoll b'mod speċjali lill-persuni mill-Assoċjazzjoni tal-Kosovo, li kienu qed jattendu għall-ewwel workshop tagħhom minn meta ġew aċċettati bħala membri sħaħ tal-UEFA.

Darmanin Demajo faħħar workshops ta' dan it-tip li torganizza l-UEFA minn żmien għal żmien.

"Meta dawn ir regoli ġew introdotti, kien hawn ħafna nies li kkritikaw li mhux se jdumu. Il-kritiċi, bħal dejjem, reġgħu kienu ħziena u li qegħdin hawn illum, jikkonferma kemm kienu ħażin fil-ħsieb tagħhom. Jien nemmen f'regolamenti li jħarsu fit-tul u mhux regolamenti tal-mument.

"Qed ngħixu f'xenarju ta' futbol Ewropew li jinbidel minn ħin għall-ieħor u l-kontribuzzjoni tagħkom kollha hija apprezzata. F'dawn il-jumejn li ġejjin, qumu u tkellmu fejn taħsbu li hemm affarijiet ħżiena, tajbin u affarijiet li jridu jitranġaw. Fl-aħħar tal-ġurnata, kollha ninsabu fuq in-naħa t-tajba għax qegħdin hawnhekk għall-ġid tal-futbol Ewropew. Jien dejjem ngħid l-istess ħaġa: tonfqux aktar milli għandkom. Daqshekk diffiċli biex din tifmuha?" qal il-president tal-MFA.

Fl-aħħar tad-diskors, is-Sur Darmanin Demajo kkwota silta mill-ktieb ta' Sir Alex Ferguson u għalaq bil-messaġġ: "It's not about building a team, it's about building a club."

Hekk kif temm id-diskors tiegħu, il-president ingħata ċapċipa sabiħa mis-sala u ġie ppreżentat b'rikonoxximent mil-Licensing Manager tal-UEFA, t-Taljan Andrea Traverso.

L-ewwel kelliem waqt il-workshop kien Dr Chris Bonett, viċi president tal-MFA, li spjega b'mod ċar kif Assoċjazzjoni żgħira bħal l-MFA irnexxielha tagħmel sistema biex tirregolarizza l-finanzi u l-liċenzji tal-klabbs lokali kollha permezz tar-regolamenti tal-Financial Fair Play.

Il-Workshop intemm il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2016. Waqt il-jiem li damu f'Maltu d-delegati kellhom ukoll ħarġiet kulturali f'diversi postijiet f'pajjiżna.



# Il-viċi president tal-MFA, Dr Chris Bonett, jiggradwa fil-Football Law Programme




Dr Chris Bonett, il-Viċi President tal-MFA u Kap tat-Taqsima Legali, iggradwa mill-programm tal-UEFA Football Law Programme.

Għal dan il-programm, avukati li jaħdmu fil-futbol madwar l-Ewropa kienu qiegħdin jipparteċipaw, imma ħamsa biss irnexxielhom iġibu l-aqwa marka possibbli. Dr Bonett, kiseb 'distinction', u kien għalhekk li hu flimkien ma' erbgħa avukati oħra rreġistraw l-ogħla marka u ħadu dan iċ-ċertifikat importanti.

Mistoqsi mis-sit uffiċjali tal-MFA fuq dan l-akkwist, Dr Bonett qal:

"Se nħalli Nyon u nirritorna lura f'Malta b'esperjenzi kbar u aktar ħbieb milli kelli. Kelli l-unur nirrapreżentahom kollha bid-diskors finali tiegħi. Ninsab aktar preparat għal dak li jista' jiġi fuqi fil-futur," qal il-viċi president tal-MFA.

# L-MFA pprezentata bl-FA Trophy l-ġdida

Qabel il-partita bejn l-Ingilterra u Malta, li ntlagħbet f'Wembley Stadium aktar kmieni matul dan ix-xahar, valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018, l-FA Ingliża ppreżentat it-Trophy l-ġdida lill-Malta Football Association. Il-preżentazzjoni saret fis-sala ewlenija ta' Wembley Stadium lill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo miċ-chairman tal-FA, Greg Clarke .

It-trofew inħadem mill-kumpanija Thomas Lyte, li huma Silversmiths ewlenin f'Londra.

Lura fl-1933, l-FA Ingliża tat bħala rigal lill-MFA, trophy tal-fidda bħala ringrazzjament tal-ġest li grupp ta' partitarji Maltin ivvjaġġaw lejn Ruma biex jagħtu l-appoġġ lill-Ingilterra f'partita kontra l-Italja.

Mill-1935 sal-lum, l-FA Trophy kienet preżentata lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-FA Trophy f'Malta, li hi l-istess kompetizzjoni bħall-FA Cup Ingliża. L-FA Trophy f'Malta se tibqa' tiġi preżentata lir-rebbieħa tat-tieni l-ikbar unur tal-istaġun, wara l-kampjonat nazzjonali.

Din il-preżentazzjoni kompliet tikkonferma r-rabta speċjali li ilha teżisti minn snin ilu bejn iż-żewġ assoċjazzjonijiet tal-futbol u bl-istess mod żammew l-Istorja ħajja ta' din l-FA Trophy.





TOGETHER FOR ENGLAND

Back in the 1930's, The Football Association donated a silver trophy to the Malta FA as a 'thank you' gesture after a group of Maltese "England" supporters travelled all the way to Wembley Stadium to support England in an international match against Italy – a journey which would have had its challenges in those days. Since 1935, "the FA Trophy" has been presented to the winners of Malta's equivalent of The FA Cup, and continues to be presented at the final of what is today their second most important competition. The years have taken their toll, however, and on 8th October, The FA will present the MFA with a new trophy, designed and created by silversmiths Thomas Lyte, maker and restorers of The FA Cup and other elite sporting trophies, and Royal Warrant Holders to Her Majesty the Queen. Its presentation at England's match against Malta will serve to reaffirm the historic bond that exists between the two Associations, and to keep the story of its history alive for future generations.



# Il-president tal-MFA jispjega x-xogħol li qed isir fiċ-Ċentru Tekniku



F'konferenza tal-aħbarijiet li saret fis-sala ewlenija tas-Centenary Stadium, il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, stqarr li m'għandu l-ebda problema mal-ebda plejer tat-tim nazzjonali u li fil-futur qrib se jiltaqa' mal-plejers kollha.

Huwa qal dan fid-dawl tal-kummenti li l-attakkant André Schembri għamel fir-rigward tal futbol Malti.

Is-Sur Darmanin Demajo qal li Schembri qajjem punt li wara kollox setgħu kienu ħafna dawk li qablu miegħu u għalhekk jixtieq li ssir diskussjoni biex fejn jinħtieġ, l-affarijiet isiru aħjar. Il-president tal-MFA qal ukoll li rċieva messaġġ personali mingħand plejer ieħor tat-tim nazzjonali li qallu li lest jaqsam miegħu l-ħsibijiet tiegħu fuq l-istess suġġett.

Flimkien mal-president, din il-konferenza tal-aħbarijiet ġiet indirizzata wkoll mid-direttur tekniku, Robert Gatt.

Is-Sur Darmanin Demajo spjega sew ix-xogħol li sar fiċ-Ċentru Tekniku u fil-livell tal-grassroots matul dawn l-aħħar sitt snin, minn meta hu ġie maħtur president u ħatar lis-Sur Gatt f'din il-kariga. Il-president qal li talab lis-Sur Gatt jagħmel analiżi sa mill-istaġun 2011/12, meta dakinhar l-MFA iddeċidiet li jkollha pjan fit-tul biex ix-xogħol fil-livell ta' grassroots ikun ibbażat fuq programm professjonali mmexxi minn kowċis u esperti oħra kkwalifikati.

Is-Sur Gatt qal li l-MFA bdiet billi kienet ħarġet b'sett ta' regoli li nponiethom fuq in-nurseries madwar Malta u dan sabiex il-livell ikun fuq l-istess qafas Ewropew.

"Fil-bidu sibna reżistenza kbira mill-klabbs, iżda maż-żmien fehmu li dik kienet it-triq it-tajba u bdew jaqblu magħna. Ridna nżidu aktar l-edukazzjoni fil-coaching u fl-istrutturi tal-Youths ta' taħt it-13-il sena, il-15-il sena u s-17-il sena. L-MFA illum imbarkat fuq proġett pilota għall-akkademji elite u s'issa hemm tmien klabbs li daħlu jagħmlu parti sħiħa minn din is-sistema rigoruża," qal is-Sur Gatt.

Huwa qal li fl-aħħar sitt snin, kien hawn 25 plejer li kellhom esperjenza ma' klabbs barra minn Malta u li 12 minnhom ġew offruti kuntratt, iżda għal xi raġuni jew oħra, bosta minn dawn iddeċidew li jiġu lura. Huwa żied jgħid li bħalissa Malta għandha erba' plejers mis-settur tal-Youths li jilagħbu barra l-pajjiż ma' klabbs professjonali.



# Manutenzjoni fuq il-wiċċ tal-Istadium Nazzjonali

Fl-ewwel jiem ta' Ottubru, waqt il-waqfa tat-timijiet nazzjonali, il-wiċċ tal-Istadium Nazzjonali sarulu xogħlijiet ta' manutenzjoni bħal ma jsiru f'dan iż-żmien tas-sena meta tkun riesqa l-bidla fil-klima.

Fix-xhur sħan tas-sajf il-ħaxix tal-pitch ikun wieħed tat-tip sajfi li nibet wara li ftit tax-xhur ilu ġew imħawla pjanti tat-tip Bermuda Tifton 419 u liema tip hi sinonima li tikber u tgħix tajjeb f'pajjiżi fejn it-temperaturi fix-xhur ta' bejn ir-rebbiegħa u s-sajf ikunu għoljin fosthom fin-nofsinhar tal-Ewropa, fl-Afrika, u fin-nofsinhar tal-Amerika.

Dan it-tip ta' ħaxix ma jikbirx f'postijiet fejn hemm nuqqas ta' xemx u dawl. Iżda għax-xhur tax-xitwa, il-pitch jirrikjedi tip ta' żerriegħa oħra biex jikber ħaxix differenti li huwa msejjaħ Rye Grass u li hija magħrufa li tħaddar fi ftit jiem wara li l-Bermuda tiġi dormant.

Fir-ritratt jidher il-pitch tal-Istadium Nazzjonali wara li sar iż-żriegħ fil-bidu tax-xahar. Il-logħob fl-Istadium Nazzjonali jirritorna fit-30 ta' Ottubru, f'liema perjodu jkun imiss li jsir l-istess tip ta' xogħol fi stadium ieħor fejn jintlagħab il-kampjonat nazzjonali, jiġifieri fil-Hibernians Stadium.

"Waħda mill-affarijiet li ridna niżguraw b'ċertezza hi li l-kowċis li jkollna f'Ta' Qali jkunu kollha b'liċenzja 'A' jew saħansitra Pro-License. Bħalissa, l-MFA għandha 11-il kowċ fuq ħin fiss u jħaddem l-akkademja tas-subien u tal-bniet tul is-sena kollha," qal Robert Gatt.

Id-direttur tekniku qal li kienu tliet plejers biss li għamlu l-grad mixtieq biex jiksbu ċittadinanza Maltija, fosthom l-aħħar tnejn li akkwistaw il-passaport Malti, jiġifieri Luke Gambin u Sam Magri.

Is-Sur Gatt stqarr li matul l-aħħar snin l-MFA akkwistat l-awtorizzazzjoni mill-UEFA biex torganizza l-kors tal-UEFA Pro License. Huwa qal li bħalissa l-MFA għandha dsatax-il persuna li qed jagħmlu l-kors tal-UEFA PRO, liema kors jeħtieġ aktar minn sena u nofs ta' studju.

Huwa temm l-intervent tiegħu billi qal li l-MFA kienet ħadmet fuq survey mat-tfal fis-settur tal-Youths biex tara jekk il-futbol u l-iskola jaffettwawx lil xulxin u r-riżultat kien wieħed sabiħ għaliex 81% tat-tfal li jilagħbu l-futbol u jistudjaw, għaddew mill-eżamijiet tal-iskola tagħhom ukoll. Iżda hawnhekk irrimarka li l-prijoritá għall-ġenituri tagħhom hija l-istudju u mhux il-karriera ta' plejer tal-futbol. Fuq dan is-suġġett il-president tal-MFA wkoll esprima l-opinjoni tiegħu u saħaq li s-sistema tal-futbol f'pajjiżna ma tagħtix il-garanziji mixtieqa u għalhekk ftit huma dawk li jagħżlu jidħlu għas-sagrifiċċju tal-futbol mingħajr ma jagħtu kas l-impjieg tagħhom minn fejn iridu jgħixu.

Għaldaqstant il-president tal-MFA qal li hu kien lest jiltaqa' ma' kulħadd, iżda r-riżultati kostanti jinkisbu biss meta l-maġġoranza tal-plejers tat-tim nazzjonali Malti jkunu plejers professjonali. Dak huwa li għamlet l-MFA fl-ewwel snin tal-proġett tagħha, xogħol li kien mifrux fuq il-grassroots, l-ewwel frott permezz tal-iskwadra ta' Taħt il-21 sena.

Waqt il-ħin tal-mistoqsijiet sar aċċenn ukoll għall-proġett ġdid tal-UEFA li l-MFA se tkun qiegħda ssegwi flimkien mal-Iskola Nazzjonali tal-Isport bl-isem ta' "UEFA Elite Youth Player Development Programme" u kif ukoll għall-"Coach Education Pathway" li permezz tagħha r-rekwiżiti fil-liċenzjar se jikbru u dan biex il-livelli l-aktar importanti fil-futbol lokali jkunu mħarrġa minn kowċis bl-aqwa kwalifiki.

# Stedina mill-Prim Ministru f'Kastilja









It-timijiet nazzjonali ta' Malta ta' Taħt il-21 sena u tan-nisa ta' Taħt is-17-il sena, fl-14 ta' Ottubru, kienu mistiedna fl-Uffiċju tal-Prim Ministru, f'Kastilja, fil-Belt Valletta, bħala rikonoxximent għar-riżultati li kisbu f'dawn l-aħħar jiem fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA.

Prim Ministru ta' Malta, Joseph Muscat, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Innovazzjoni, Chris Agius, laqgħu liż-żewġ kontinġenti mmexxija mill-viċi-president tal-MFA u Kap tad-Delgazzjoni, Alex Manfré, u mid-Direttur Tekniku, Robert Gatt.

Is-Sur Manfré beda billi rringrazzja lill-Prim Ministru ta' din l-istedina u faħħar din l-inizjattiva li fi kliemu stess tkompli timla bil-kuraġġ lill plejers Maltin biex iġibu aktar suċċessi bħal dawn fil-futur.

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena mmexxi minn Silvio Vella waqqaf rekord ta' punti fi Grupp 1 ta' Kwalifikazzjoni għall-Kampjonati Ewropej li se jsiru fil-Polonja s-sena d-dieħa, billi spiċċa fir-raba' post b'total ta' 11-il punt.

It-tim nazzjonali tan-nisa ta' Taħt is-17-il sena, ipparteċipaw għall-ewwel darba fl-Istorja fil-Grupp ta' Kwalifikazzjoni fl-10 Kampjonat tal-UEFA, u rebħu l-ewwel partita tagħhom, li ħabtet it-tielet waħda kontra l-Montenegro. Qabel din il-partita kellhom telfiet rispettabbli ħafna kontra l-Isvezja u l-Greċja.

Chris Agius, Segretarju Parlamentari, faħħar ix-xogħol kbir li wettqet l-MFA f'dawn l-aħħar snin u qal li jħossu kburi hu wkoll li sa ftit taż-żmien ilu kien jagħmel parti mill-MFA u mill-futbol Malti.

Dr Muscat faħħar liż-żewġ timijiet u qal li jieħu gost li jara interess qawwi fil-futbol tan-nisa. Huwa tkellem ukoll fuq it-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena u qal li ammira l-fatt li fl-aħħar partita kontra l-Moldova, it-tim kien 2-0 minn fuq sakemm ir-riżultat sar 2-2.

"Normalment, meta jiġri hekk, it-tim jitlef il-motivazzjoni u l-moral. Intom irreaġixxejtu mod ieħor u erġajtu skurjajtu u rbaħtu l-partita. Dan jimlini bil-kuraġġ li ninsabu fit-triq il-tajba biex nikkompetu sew fil-futur. Grazzi u prosit lilkom," qal Dr Muscat.

Wara dawn id-diskorsi, kien imiss il-preżentazzjonijiet fejn l-MFA, permezz tas-Sur Manfré, ippreżentat żewġ inkwatri taż-żewġ timijiet lill-Prim Ministru, li min-naħa tiegħu ppreżenta żewġ platti kommemorattivi lill-Assoċjazzjoni.

Imbagħad, issejħu l-plejers u l-istaff kollha u ingħataw pinna bħala rigal mill-Prim Ministru.

L-MFA tirringrazzja lill-Prim Ministru, Joseph Muscat u lis-Segretarju Parlamentari Chris Agius tal-interess u tal-istedina.




# Football People... flimkien kontra d-diskriminazzjoni




Matul il-partiti mill-BOV Premier League li ntlagħbu, il-Ħadd, 16 ta' Ottubru, fil-Victor Tedesco Stadium - St. Andrew's v Pembroke Athleta u Birkirkara v Balzan - id-Dipartiment tar-Responsabbiltá Soċjali fi ħdan l-MFA, organizza avveniment promozzjonali li ġab l-isem ta' 'Football People', bl-għan prinċipali jkun li jitwassal messaġġ kontra d-diskriminazzjoni fil-futbol.

Dan l-avveniment huwa parti mill-aġenda tal-istess dipartiment tal-MFA, f'kollaborazzjoni ma' Football Against Racism in Europe (FARE), li taħdem ħafna f'kollaborazzjoni mal-UEFA, sabiex jiġġieldu l-problema tad-diskriminazzjoni u jeliminawha darba għal dejjem.

Matul iż-żewġ partiti, il-plejers u l-uffiċjali ħarġu fil-grawnd, lebsin il-flokkijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni u wara l-formalitajiet ta' qabel il-partita, tefgħu l-flokkijiet lill-partitarji preżenti, sinjal ta' koperazzjoni mal-pubbliku ġenerali.

'Football People' huwa ndirizzat proprju lejn il-pubbliku ġenerali sabiex il-problema tad-diskriminazzjoni tiġi affrontata minn kulħadd, filwaqt li tgħaqqad anke l-entitajiet kollha li jagħmlu parti mill-logħba tal-futbol u jimplimentaw ideat u programmi, sabiex din id-diskriminazzjoni tisparixxi mil-logħba tal-ballun. Fost l-assoċjazzjonijiet Ewropej li jikkollaboraw, l-MFA m'hijiex eċċezzjoni, għaliex tħoss li dan huwa pass importanti lejn l-integrazzjoni fil-futbol.

# Nisa Taħt is-17-il sena: L-ewwel rebħa storika għal Malta

Taħt it-tmexxija tal-coach, Frank Schembri, t-tim nazzjonali Malti tan-Nisa ta' Taħt is-17-il sena, kellu rebħa storika fil-Kampjonati Ewropej li għalihom ipparteċipa għall-ewwel darba, meta fil-11 ta' Ottubru, għeleb lil-Montenegro bi skor ta' 2-1.

Il-kontinġent Malti ħalla pajjiżna l-Erbgħa 4 ta' Ottubru u mar Ateni, il-Greċja, fejn hemmhekk ipparteċipa fil-Grupp ta' Kwalifikazzjoni għall-10 Edizzjoni tal-Kampjonati Ewropej li saru bejn l-4 u t-12 ta' Ottubru.

It-tim Malti lagħab kontra l-Isvezja, il-Ħamis 6 ta' Ottubru, fejn tilef 3-0 u kontra l-Greċja, is-Sibt 8 ta' Ottubru, fejn ħareġ tellief bl-iskor ta' 3-0 u kontra l-Montenegro, it-Tlieta 11 ta' Ottubru, fejn ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 2-1.

L-iskwadra kienet komposta minn:

Gowlkipers – Jodie Attard (Luxol), Patricia Ebejer (Mgarr),

Difensuri – Kimberly Borg (Tarxien), Leanne Cefai (Gozo), Cloe Ann Ellul (Tarxien), Nicole Sciberras (Mosta), Rohanne Zahra (Luxol)



Midfielders – Amy Busuttil (Tarxien), Kayleigh Chetcuti (Hibs), Maia Melanie Debono (Mgarr), Kathryn Ellul (Kirkop), Maria Farrugia (Gozo), Celeste Jamsine Grech (Mosta), Sarah Urpani (Bkara), Samantha Zarb (Bkara), Caoimhe Camilleri (Gozo)

Attakkanti – Michela Felica (Bkara), Demi Magrin (Kirkop)

L-istaff tekniku kien kompost minn: Assistent coach: Karl Attard; coach tal-goalkeepers: Roger Camilleri; tabib: John Montebello; Fiżjo: Jade Portelli; Kit Manager: Jacqueline Ellul Soler; Team Manager: Alfred Zammit.

# Irġiel Taħt is-17-il sena: Tliet telfet għal Malta

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt is-17-il sena sofra tliet telfiet fit-tliet partiti li lagħab minn Grupp 10 ta' Kwalifikazzjoni għall-Kampjonati Ewropej tal-Kompetizzjoni tal-UEFA ta' din il-kategorija.

Fl-ewwel partita, it-tim Malti sofra telfa ta' 6-0 kontra l-Iskozja. Fit-tieni partita sofra telfa ta' 5-0 kontra l-Portugall u fit-tielet partita sofra telfa ta' 3-0 kontra Wales. It-tournament kwadrangulari ntlagħab f'Febrex, fil-Portugall, bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2016.

Il-players imsejħa mill-kowċ Silvio Vella kienu:

Zak Grech (Balzan); Ayrton Attard, Romario Camilleri, Nicholas Farrugia, Liam Formosa, Briam Mifsud, Robert Kyle Mifsud (Birkirkara); Andrei Spiteri (Hibernians); Miguel Aquilina (Mosta) Clyde Bouvet, Liam McKay (Pietá H.); Mark Desira (Sliema W.); Dejan Debono, Duncan Formosa, Marcus Grima, Alex Satariano (St Andrew's); Al-Tumi Rashed, Shaun Dimech (Valletta)



L-istaff tekniku kien ifformat minn:

Joe Micallef (Kap tad-Delegazzjoni); Robert Gatt (Direttur Tekniku); Jesmond Abela (Team Manager); Ronald Vella (assistent kowċ); Simon Agius (kowċ tal-goalkeepers); Daniel McKean (tabib); Lorella Debono (fiżjoterapista); Aaron Ancilleri (masseur); Paul Schembri (kit managar).

# Alan Mario Sant jikkontrolla partita tal-UEFA Under 21 fir-Russja

It-Tlieta, 11 ta' Ottubru, 2016, ir-referee internazzjonali Alan Mario Sant ikkontrolla l-logħba minn Grupp 7 fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għall-European Under-21 Championship 2017 bejn ir-Russja u l-Finlandja li ntlagħbet f'Arena-Khimki, Moska.

It-team ta' Alan Mario Sant appuntat mir-Refereeing Department tal-Malta FA kien jinkludi lill-assistant referees internazzjonali Roberto Vella u William Debattista, filwaqt li l-elite referee Stefan Pace kien ir-raba' uffiċjal.

Ir-Referee Observer appuntat mill-UEFA biex jevalwa l-prestazzjoni tal-uffiċjali kien Christoforos Zografos mill-Greċja; filwaqt li Olzhas Abrayev mill-Kazakhstan kien id-Delegat tal-UEFA.






# Fyodor Zammit jikkontrolla partita tal-UEFA Under 21 fil-Lussemburgu

Il-Ġimgħa, is-7 ta' Ottubru 2016, ir-referee internazzjonali Fyodor Zammit ikkontrolla l-logħba minn Grupp 5 valida għall-European Under-21 Championship 2017 bejn il-Lussemburgu u l-Armenja, milgħuba f'La Frontiere Stadium f'Esch-sur-Alzette.

It-tim ta' Fyodor Zammit appuntat mir-Refereeing Department tal-Malta FA kien jinkludi l-assistant referees internazzjonali Duncan Sultana u Luke Portelli, filwaqt li l-elite referee Malcolm Spiteri kien ir-raba' uffiċjal.

Ir-Referee Observer appuntat mill-UEFA biex jevalwa l-prestazzjoni tal-uffiċjali kien Ferenc Szekely mill-Ungerija; filwaqt li Tammo Beishuizen mill-Olanda kien id-Delegat tal-UEFA.



# Skambju ta' referees mal-Irish Football Association

Bħalma ġara fl-aħħar snin b'riżultat ta' esperjenzi miksuba minn ftehim bejn ir-Referees' Departments tal-Malta FA u tal-Irish FA – meta uffiċjali Maltin u Irlandiżi kkontrollaw logħbiet mill-ogħla kampjonati fil-pajjiżi rispettivi – fi tmiem il-ġimgħa, tas-Sibt 15 u l-Ħadd 16 ta' Ottubru, assistejna għall-ewwel skambju simili għall-istaġun 2016-2017.

L-elite referees Malcolm Spiteri u Stefan Pace, l-assistant referees Christopher Francalanza u David Castillo, marru l-Irlanda ta' Fuq u kkontrollow il-logħba tal-Premiership bejn Linfield u Ballinamallard United li intlgħbet fl-Istadium Nazzjonali f'Belfast, u l-logħba miċ-Championship bejn Larne u H&W Welders milgħuba f'Inver Park, Larne. L-uffiċjali kienu akkumpanjati mir-referee observer Charles Micallef.

Intant, ir-referees Keith Kennedy u Neil Robinson, l-assistant referees Neill Gillespie u Joseph Wilson ġew Malta, u kkontrollaw il-partiti Gżira United vs Valletta, u St. Andrews vs Pembroke Athleta. L-uffiċjali kienu akkumpanjati minn Trevor Moutray, referee observer Irlandiż.

Ir-referee observers kienu mpenjati f'żewġ logħbiet differenti kull wieħed.

Logħbiet bħal dawn iservu tajjeb għall-uffiċjali taż-żewġ pajjiżi kemm mil-lat personali kif ukoll professjonali għall-ġid tal-karrieri futuri tagħhom lokalment u internazzjonalment.

Għall-MFA, dawn l-iskambji huma parti mill-impenn tagħha biex tgħolli l-livell tas-settur tar-refereeing permezz ta' opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ogħla kategorija ta' uffiċjali.

Hu ppjanat li aktar tard fl-istaġun, il-Malta FA Refereeing Centre ikun f'pożizzjoni li jħabbar inizjattivi simili oħra.

# Clayton Pisani jirreffja partita f'Andorra valida għall-kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2018 fir-Russja

Il-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2016, ir-referee internazzjonali Clayton Pisani kien appuntat mill-FIFA u kkontrolla l-logħba minn Grupp B tar-Round Preliminari miz-Zona Ewropea Andorra vs Latvia, milgħuba f'Estadi Nacional, Andorra La Vella (Andorra), li ntemmet bl-iskor ta' 0-1.

It-tim ta' Clayton Pisani kien jinkludi l-uffiċjali tal-FIFA Alan Camilleri u Edward Spiteri bħala assistant referees, u Fyodor Zammit bħala r-Raba' Uffiċjal.

L-osservatur tal-FIFA appuntat biex jevalwa l-prestazzjoni tal-uffiċjali kien Kristinn Jakobsson mill-Islanda. Michael Appleby mill-Ingilterra kien il-Kummissarju tal-FIFA.






FIFA WORLD CUP RUSSIA 2018

# Clayton Pisani jikkontrolla logħba mill-Fażi tal-Gruppi tal-UEFA Europa League

Il-Ħamis, il-15 ta' Settembru 2016, ir-referee internazzjonali Clayton Pisani kkontrolla l-logħba mill-ewwel ġurnata ta' Grupp D tal-UEFA Europa League 2016/2017 bejn AZ (Nederlands) u Dundalk FC (Repubblika tal-Irlanda), milgħuba f'AZ Stadion, Alkmaar, li ntemmet bl-iskor ta' 1-1.

It-team ta' Clayton Pisani kien magħmul mill-FIFA assistant referees Alan Camilleri u Mitchell Scerri, il-FIFA referee Trustin Farrugia Cann u l-elite referee Philip Farrugia bħala additional assistant referees (AARs), u l-FIFA assistant referee Duncan Sultana bħala r-raba' uffiċjal

Referee Observer tal-UEFA appuntat biex jevalwa l-prestazzjoni tal-uffiċjali kien Michel Piraux mill-Belġju; filwaqt li Metin Kazancıoglu mit-Turkija kien id-Delegat tal-UEFA.



UEFA EUROPA LEAGUE

# Esther Azzopardi appuntata għall-FIFA U/17 Women's World Cup Jordan 2016



U-17 WOMEN'S WORLD CUP
JORDAN 2016




Ir-referee internazzjonali Esther Azzopardi kienet appuntata għall-FIFA U-17 Women's World Cup Jordan 2016 li ntlagħbet fil-Ġordan mill-Ġimgħa, it-30 ta' Settembru sal-Ġimgħa, il-21 ta' Ottubru 2016.

17-il referee u 28 assistant referees kienu magħżula mis-sitt konfederazzjonijiet madwar id-dinja kollha; l-erba' referees mill-Ewropa kienu minn Malta, mill-Portugall, mir-Russja u mir-Repubblika Ċeka.

Dawn l-uffiċjali kollha waslu f'Amman, il-belt kapitali tal-Ġordan, is-Sibt l-24 ta' Settembru, għal ġimgħa estensiva ta' preparazzjoni b'analiżi ta' filmati b'sitwazzjonijiet minn partiti dwar teħid ta' deċiżjonijiet; kif ukoll tests tal-Laws of the Game, u testijiet fiżiċi.

Il-15-il team parteċipanti oħra flimkien mal-ospitanti il-Ġordan, kienu:

Grupp A – Ġordan, Spanja, Messiku, New Zealand

Grupp B – Venezuela, Ġermanja, Kamerun, Kanada

Grupp Ċ – Niġerja, Brażil, Ingilterra, Repubblika Demokratika tal-Korea

Grupp D – Stati Uniti tal-Amerka, Paragwaj, Ghana, Ġappun

# Esther Azzopardi tinħatar għal partita fir-Repubblika tal-Irlanda valida għall-Women's Euro 2017



It-Tlieta, l-20 ta' Settembru 2016, ir-referee internazzjonali Esther Azzopardi ikkontrollat il-logħba ta' kwalifikazzjoni minn Grupp 2 valida għall-Kampjonat Ewropew tan-Nisa 2017, bejn ir-Repubblika tal-Irlanda u l-Portugall, milgħuba f'Tallaght Stadium, Dublin.

L-Assistenti Referees magħha kienu Biljana Atanasovski (Maċedonja) u Polyxeni Irodotou (Ċipru), filwaql li Sarah Dyas (Repubblika tal-Irlanda) kienet ir-raba' uffiċjal.

Referee Observer tal-UEFA appuntata biex tevalwa l-prestazzjoni tal-uffiċjali kienet Desislava Ralkova (Bulgarija); filwaqt li d-Delegat tal-UEFA kienet Katarzyna Wierzbowska (Polonja).

# Riżultat prestiġjuż kontra l-Ingilterra


Gareth Sciberras (Malta) jaqbeż lil John Stones (Ingilterra)

Il-ġurnata, tas-Sibt, 8 ta' Ottubru, 2016, kienet ilha mistennija minn eluf ta' Maltin, hekk kif it-team nazzjonali Malti kellu jaffronta lil dak qawwi tal-Ingilterra.

Din l-istennija ntemmet fejn Malta tilfet kontra l-Ingilterra bl-iskor rispettabli ta' 2-0, biż-żewġ goals jaslu fl-ewwel taqsima.

Iżda wieħed irid jgħid ukoll li kieku ma kienux għas-saves determinanti tal-goalkeeper Malti, Andrew Hogg, l-iskor seta' kien akbar.

Matul id-90 minuta, deher evidenti in-nuqqas ta' kontinwitá bejn is-settur ta' nofs il-ground u dak tal-attakk hekk kif l uniku xutt li l Maltin indirizzaw wasal, fil-81 minuta, minn kanunata angolata ta' Andrei Agius li l-goalkeeper Ingliż dawwar f'corner.

Kienu l-Ingliżi li ħolqu l-ewwel azzjoni denja ta' nota meta wara biss tmien minuti, xutt minn barra l-kaxxa tal-captain Wayne Rooney ħareġ l-aħjar tal-goalkeeper Andrew Hogg li salva b'mod spettakolari.

L-Ingilterra kompliet iżżid il-pressjoni u fit-22 minuta, wara li rċieva minn cross ta' Jordan Henderson, għola tajjeb Dele Alli li żmarkat għal kollox reġa' ħareġ il-kwalitajiet mill-aqwa ta' Hogg li reġa' wellaq save tajjeb, għalkemm ma żammx biex mir-rebound l-attakkant ta' Li-verpool, Daniel Sturridge, minn qagħda ferm ideali, xeħet inkredibbilment għoli.

B'attakk wara l-ieħor ... eventwalment l-Ingilterra fetħu l-iskor, fid-29 minuta, meta din id-darba DANIEL STURRIDGE ma ħafirx meta wara li rċieva minn cross perfett ta' sieħbu fit-team ta' Liverpool, Henderson, tefa' l-ballun fir-rokna tax-xib-

ritratti **Christine Borg u Dominic Borg**







(Xellug fuq) **Paul Fenech (Malta) attakkat minn Kyle Walker (Ingilterra)**

(Xellug) **André Schembri (Malta) jipprova jgħaddi bejn Wayne Rooney u Dele Alli (Ingilterra)**

(Fuq lemin) **Paul Fenech (Malta) attakkat minn Kyle Walker (Ingilterra)**

ka minkejja t-titjira *in extremis* tal-goalkeeper Malti. It-team immexxi minn Gareth Southgate għoddu rdoppja, fit-33 minuta, meta tentattiv minn daqqa ta' ras tal-midfielder offensiv ta' Manchester United, Jesse Lingard, ġie milqugħ bi bravura minn Hogg.

Iżda l-lieni goal għall-Ingilterra ma damx biex wasal hekk kif, fit 38 minuta, huma rdup-pjaw meta xutt mill-viċin tal-midfielder offensiv ta' Tottenham Hotspur, DELE ALLI ġie milqugħ minn Andrew Hogg li iżda ma żammx biex mir-rebound, l-istess player spara fix-xibka. Hawn-hekk żgur li bħal fil-każ tal-ewwel goal, id-difensur ta' Valletta, Ryan Camilleri, seta' għamel aħjar biex jostakola lill-player avversarju milli jsib l-ispazju u jżid ir-riżultat għall-Ingliżi.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, l-Ingliżi komplew fejn ħallew qabel il-mistrieħ u fit-53 minuta free-kick insidjuż tal-captain Wayne Rooney ġie mdawwar f'corner minn Hogg.

Fl-64 minuta, Theo Walcott, resaq viċin li jagħmilhom tlieta għall-Ingilterra, iżda t-tentat-tiv minn lob delizzjuż ma qarraqx bil-goalkeeper Malti li dawwar f'corner.

Ta' min jgħid ukoll li proprju waqt din il-partita d-difensur Alex Muscat sar missier.

[redacted]

**08.10.2016 - 18.00 hrs**

**Ingilterra** **2**
D. Sturridge 19, D. Alli 38

**Malta** **0**

HT 2-0 **Wembley Stadium**

**Ingilterra** – 1-Joe Hart, 2-Kyle Walker, 3-Ryan Bertrand (14-Danny Rose 19), 4-Jordan Henderson, 5-Gary Cahill, 6-John Stones, 7-Theo Walcott (20-Marcus Rashford 68), 8-Dele Alli, 9-Daniel Sturridge (19-Jamie Vardy 73), 10-Wayne Rooney, 11-Jesse Lingard

*Coach* – Gareth Southgate

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 4-Gareth Sciberras, 5-Andrei Agius, 6-Steve Borg, 8-Paul Fenech, 13-Andrè Schembri (10-Rowen Muscat 86), 17-Ryan Camilleri, 18-Bjorn Kristensen, 19-Alfred Effiong (9-Michael Mifsud 76), 20-Zach Muscat, 22-Alex Muscat Coach

*Coach* – Pietro Ghedin

**Referee** – Stefan Johannesson (Svezja)

**Assistenti** – Fredrik Nilsson, Mehmet Culum (Svezja)

**Raba' Uff.** – Mohammed Al-Hakim (Svezja)

**Ammoniti** – S. Borg (I)

**Attendenza** – 81,781



# It-tieni telfa fi spazju ta'

Jekk kien hemm xi tama li t-team nazzjonali Malti seta' jieħu xi punti minn din l-partita, valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018, rega' ddizappunta meta, f'Vilnius, safa megħlub bl-iskor ta' 2-0 mil-Litwanja.

Kienet partita b'żewġ uċuh għall-Maltin fejn fl-ewwel taqsima dehru movimentati u bdew jemmnu fihom infushom iżda wara l-mistrieħ kienet evidenti l-għejja bil-konsengwenza li kienu xotti fl-ideat.

Għal din il-partita, il-coach ta' Malta, Pietro Ghedin, effettwa tliet bidliet mit-telfa ta' 2-0 kontra l-Ingilterra, fejn Jonathan Caruana (li rritorna minn sospensjoni), Joseph Zerafa u Michael Mifsud daħlu jilagħbu minflok Ryan Camilleri, Alex Muscat u Alfred Effiong rispettivament għalkemm wieħed irid jgħid ukoll li Muscat irritorna pajjiżna wara li sar missier għat-tieni darba.

L-ewwel azzjoni perikoluża tal-Maltin waslet fl-10 minuta meta mill-cross ta' Joseph Zerafa, Michael Mifsud ġie antiċpat fil-ħin minn Vytautas Andriuskevicius hekk kif seta' jikkonkludi mill-qrib.

Fl-20 minuta, il-goalkeeper Malti, Andrew Hogg, issejjaħ fl-azzjoni meta mill-cross ta' Arvydas Novikovas laqa' mingħajr wisq tbatija. Fit-32 minuta, reġa' kien Hogg providenzjali għal Malta meta ħareġ minn postu u bil-kalma kollha ħataf il-ballun mill-cross ta' Novikovas.

Ir-reazzjoni Maltija waslet sitt minuti wara iżda x-xutt minn 25 metru bogħod ta' Paul Fenech kien wisq dgħajjef u ċentrali.

Eżatt qabel tmiem l-ewwel taqsima, il-lasti Maltin għaddew minn periklu wara



Il-formazzjoni inizjali ta' Malta kontra l-Litwanja


Michael Mifsud (Malta) attakkat minn Tomas Mikuckis (Litwanja)


André Schembri fl-azzjoni għal Malta kontra l-Litwanja - (Ritratt: Paul Zammit Cutajar)

# tlett ijiem

indeċiżjoni bejn Hogg u Gareth Sciberras iżda b'xorti tajba l-ballun ġie kklerjat fil-ħin.

Fil-ħin miżjud, Hogg salva tajjeb fuq daqqa ta' ras ta' Andriuskevicius wara żball ta' Joseph Zerafa.

Fis-60 minuta, il-Maltin appellaw għal penalty meta mill-cross ta' Michael Mifsud, il-ballun deher jaħbat ma' id Egidijus Vaitkunas u mill-istess azzjoni, minn tarf il-kaxxa ż-żgħira Gareth Sciberras xeħet barra.

Disa' minuti wara, Bjorn Kristensen ikkommetta foul fi tliet kwarti ta' ground u mill-azzjoni tal-istess free-kick, Andrew Hogg wettaq save spettakolari min-nofs rovexxjala ta' Tomas Mikuckis li dehret destinata għal ġewwa.

Iżda fil-76 minuta, ma seta' jagħmel xejn hekk kif il-Litwani fetħu l-iskor. Minn azzjoni ta' corner, Bjorn Kristensen ipprova jikklerja bir-ras iżda l-ballun waqa' eżatt fuq ras Fedor Cernych li kien pront immira lejn ir-rokna ta' fuq tax-xibka.

Fl-84 minuta, il-Litwani ngħataw penalty meta Jonathan Curuana waqqa' minn wara lil Deivydas Matulevicius biex għat-tieni darba nfila l-player Malti tkeċċa ... u mill-11-il metru Arvydas Novikovas ma żbaljax.

| Kif Jinsabu | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ingilterra | 3 | 2 | 1 | 0 | 3 | 0 | 7 |
| Litwanja | 3 | 1 | 2 | 0 | 5 | 3 | 5 |
| Slovenja | 3 | 1 | 2 | 0 | 3 | 2 | 5 |
| Skozja | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 5 | 4 |
| Slovakkja | 3 | 1 | 0 | 2 | 3 | 2 | 3 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 9 | 0 |

**11.10.2016 - 20.45 hrs**

**Litwanja** 2
F. Cernych 76, A. Novikovas 84
**Malta** 0

HT 0-0 **LFF Stadium, Vilnius**

**Litwanja** – 16-Ernestas Setkus, 3-Georgas Freidgeimas, 5-Tomas Mikuckis, 8-Egidjus Vaitkunas, 11-Arvydas Novikovas (6-Mindaugas Grigaravicius 87), 14-Vykintas Slivka, 17-Mantas Kuklys (13-Karolis Chvedukas 79), 18-Arturas Zulpa, 19-Nerijus Valskis (9-Deivydas Matulevicius 62), 22-Fiodor Cernych, 23-Vytautas Andriusekevicius

Coach – Edgaras Jankauskas

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 2-Jonathan Caruana, 3-Joseph Zerafa, 4-Gareth Sciberras, 5-Andrei Agius, 6-Steve Borg, 8-Paul Fenech (11-Steve Pisani 85), 9-Michael Mifsud, 13-André Schembri (10-Rowen Muscat 83), 18-Bjorn Kristensen (19-Alfred Effiong 80), 20-Zach Muscat

Coach – Pietro Ghedin

**Referee** – Jesus Gil Manzano (Spanja)

**Assistenti** – Angel Nevado Rodriguez, Roberto Alonso Fernandez (Spanja)

**Raba' Uff.** – Carlos Del Cerro Grande (Spanja)

**Ammoniti** – N. Valskis (L); A. Agius, A. Hogg (M)

**Tkecca** – J. Caruana 82 (M)

**Kampjonat Ewropew Under 21**




# REBĦA FUQ IL-LATVJA ... REKORD TA' TMIEN PUNTI

It-team Malti ta' Taħt il-21 sena, immexxi mill-coach Silvio Vella, kiseb it-tieni rebħa fil-grupp ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew meta għeleb lil-Latvja bl-iskor ta' 1-0 biex taħt it-tmexxija tal-coach, Silvio Vella, kiser ir-rekord ta' tmien punti f'dan ir-round preliminari.

L-ewwel taqsima kienet waħda bilanċjata bit-team Malti kien organizzat ferm f'kull settur filwaqt li l-Latvja kienu aktar ħfief u b'saħħithom.

Wara tliet minuti logħob, tentattiv bir-ras ta' Joseph Mbong kien ikklerjat f'corner mid-difiża tal-Latvja. Fit-22 minuta l-attakkant Jurgen Degabriele pprova janticipa l-ħarġa tal-goalkeeper tal-Latvja, Kristaps Zommers barra l-kaxxa, iżda l-ballun spiċċa għand Jake Grech li għadda lil Joseph Mbong li xeħet lejn l-istess Jurgen Degabriele iżda l-azzjoni sfumat fix-xejn.

Minuta wara, xutt djagonali fil-baxx ta' Kaspars Svarups ġie kklerjat mid-difiża Maltija. Fit-28 minuta minn corner mogħti minn Eduards Tindenbergs għola tajjeb bir-ras Reinis Flaksis iżda xeħet barra.

Fl-34 minuta, il-Maltin fallew ċans tajjeb li jiftħu l-iskor meta Joseph Mbong rebaħ ballun f'nofs il-ground, għadda tajjeb lejn Ryan Camenuzli fil-kaxxa, iżda x-xutt b'saħħtu ta' dan għadda jħakkek mal-wieqfa.

Eżatt mal-ftuħ tat-tieni taqsima, il-Maltin fetħu l-iskor permezz ta' xutt angolat ta' Jake Grech għar-rokna tax-xibka.

Tliet minuti wara, Jurgen Degabriele għadda lejn Llywelyn Cremona iżda x-xutt tiegħu spiċċa għoli. Il-Maltin reġgħu kienu perikolużi fit-63minuta meta Llywelyn Cremona qassam ballun fit-tul lejn Jurgen Degabriele iżda x-xutt aħħari kien imblokkat mill-goalkeeper Zommers. Minkejja l-pressjoni tal-avversarji, id-difiża Maltija għarfet tikkontrolla u tiddefendi sew ir-riżultat sat-tmiem il-partita.




Taqtiegħa għall-ballun bejn Reinis Flaksis (Latvja) u Jurgen Degabriele (Malta)





(Fuq) **Il-formazzjoni inizjali ta' Malta**

(Xellug) Iż-żewġ captains - Reinis Flaksis (Latvja) u Ryan Camenzuli (Malti) jibdlu l-banners qabel il-partita

(Taħt) Kriss Karklins (Latvja) jipprova jilħaq fuq il-ballun qabel Jake Grech (Malta)



[redacted]

**07.10.2016 - 18.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Malta** | **1** |
| J. Grech 46 | |
| **Latvja** | **0** |

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Malta** – 12-Jurgen Borg, 2-Samuel Magri, 4-Jean Borg, 6-Daniel Zerafa, 7-Ryan Camenzuli (16-Myles Beerman 90), 8-Jake Grech, 18-Matthew Guillaumier, 19-Joseph Mbong (11- Brandon Muscat 90), 20-Jurgen Degabriele (13-Siraj Eddin Arab 86), 21-Llywelyn Cremona, 22 Cain Attard
Coach – Silvio Vella

**Latvja** – 12-Kristaps Zommers, 13-Raivis Andris Jurkovskis, 14-Endijs Slampe, 10-Eduards Tindenbergs (15-Antons Tumanovs 57), 5-Antonijs Cernomordijs, 7-Kriss Karklins, 9-Kaspars Svarups (2-Marks Kurtiss 57), 3-Viktors Litvinkis,11-Devids Dobrecovs (17-Nikita Ivanovs 69), 8-Jevgenijs Kazacoks, 6-Reinis Flaksis
Coach – Dainis Kazakevics

**Referee** – Andrew Davey (Irlanda ta' Fuq)
**Assistenti** – Andrew Neeson, Stephen Donaldson (Irlanda ta' Fuq)
**Raba' Uff.** – Keith Kennedy (Irlanda ta' Fuq)
**Ammoniti** – R. Flaksis, J. Kazacoks, R. Jurkovskis (L)

## Kampjonat Ewropew Under 21



Il-players Maltin jiċċelebraw il-goal ta' Joseph Mbong kontra l-Moldova

# It-team Malti jtemm l-impenji tiegħu fuq nota mill-aktar pożittiva

Taħt it-tmexxija tal-coach Silvio Vella, it-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena temm l-impenji tiegħu fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew fuq nota mill-aktar pożittiva. Dan minħabba li huwa għeleb lil dak tal-Moldova bl-iskor ta' 3-2 biex minbarra li kiseb it-tieni rebħa konsekuttiva (wara r-rebħa ta' 1-0 fuq il-Latvja), kompla jkabbar ir-rekord ta' punti għal total ta' 11.

Il-Maltin għamlu l-intenzjonijiet tagħhom ċari mal-ftuħ tal-logħba u wara biss żewġ minuti, Jake Grech ra x-xutt tiegħu jintemm ftit barra.

Fis-seba' minuti kien imiss lil Sam Magri jara t-tentattiv tiegħu jgħaddi jħakkek mal-lasta.

Il-Moldova rrispondew għall-ewwel darba fit-23 minuta permezz ta' xutt ta' Ille Damascan li ġle salvat minn Jurgen Borg.

Żewġ minuti biss wara, reġgħu kienu l-Maltin li ħolqu l-periklu meta Cain Attard kellu xutt tajjeb salvat minn Radu Mitu. Fil-25 minuta, Jake Grech resaq viċin permezz ta' free-kick.

Man-nofs siegħa logħob, xutt angolat mil-lemin ta' Joseph Mbong għadda jħakkek mal-lasta, u mmedjatament wara Jurgen Degabriele falla ċans tad-deheb li jiftaħ l-iskor meta minn qagħda ideali xeħet għoli. Fl-34 minuta, Radu Rogac seta' għamel aħjar meta mill-viċin falla l-mira kompletament.

Il-Maltin fetħu l-iskor, fl-40 minuta, b'xutt mill-isbaħ minn 25 metru bogħod ta' JEAN BORG bil-ballun jispiċċa fir-rokna ta' fuq tax-xibka.

U ftit qabel it-tisfira għal tmiem l-ewwel taqsima, il-Maltin irduppjaw minn free-kick preċiż ta' RYAN CAMENZULI.

Il-Moldova ħarġu iktar aggressivi fil-ftuħ tat-tieni taqsima u fit-53 minuta huma rebħu penalty, li mill-11-il metru, Ilie Damascan, ra lil Jurgen Borg isalva

ritratti **Christine Borg**







| KIF SPIĊĊAW | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rep Ċeka | 10 | 7 | 2 | 1 | 29 | 10 | 23 |
| Belġju | 10 | 6 | 0 | 4 | 14 | 11 | 18 |
| Montenegro | 10 | 4 | 4 | 2 | 13 | 11 | 16 |
| Malta | 10 | 3 | 2 | 5 | 9 | 20 | 11 |
| Latvja | 10 | 2 | 3 | 5 | 10 | 13 | 9 |
| Moldova | 10 | 2 | 1 | 7 | 8 | 18 | 7 |

(Xellug fuq) **Joseph Mbong jilħaq fuq il-ballun qabel Serghei Svinarenco**

(Fuq lemin) **Johann Bezzina (Malta) jaqbeż lil Dinu Graur (Moldova)**

(Xellug) **Il-formazzjoni inizjali ta' Malta**

(Isfel) **Johann Bezzina (Malta) jinqabad f'morsa bejn Eugeniu Rebenja u Illie Damascan (Moldova)**

tajjeb iżda ma żammx, biex mir-rebound, DAN TARAS mingħajr wisq diffikultà xeħet ġewwa. Fil-65 minuta, il-Moldova rebħu penalty ieħor, iżda din id-darba ngħata minn SERGHEI SVINARENCO li ma żbaljax, biex b'hekk kisbu d-draw.

Imma huma ma tantx damu jgawdu dan il-goal, hekk kif proprju żewġ minuti biss wara, il-Maltin reġgħu marru fil-vantaġġ permezz ta' xutt angolat mill-isbaħ mil-lemin ta' JOSEPH MBONG, li ħabat mal-wieqfa qabel ma ntemm fix-xibka.

Fis-86 minuta, il-Maltin kienu se jsofru l-goal tad-draw, meta wara li rċieva minn corner ta' Svinarenco mil-lemin, għola tajjeb Eugeniu Rebejna li iżda t-tentattiv tiegħu mill-viċin ġie kklerjat f'sigurtà minn Sam Magri, wara li l-ballun kien ħabat ukoll mal-lasta.



**11.10.2016 - 18.00 hrs**

**Malta** 3
J. Borg 40, R. Camenzuli 45, J. Mbong 67

**Moldova** 2
D. Taras, S. Svinarenco 65 pen

HT 2-0 **Hibernians Stadium**

**Malta** – 12-Jurgen Borg, 2-Sam Magri, 4-Jean Borg, 6-Daniel Zerafa, 7-Ryan Camenzuli, 8-Jake Grech, 10-Johann Bezzina, 18-Matthew Guillaumier, 19-Joseph Mbong (11-Brandon Muscat 87), 20-Jurgen Degabriele (16-Myles Beerman 90), 22-Cain Allard (5-Samir Arab 66)

Coach – Silvio Vella

**Moldova** – 1-Radu Mtu, 3-Ion Burlacu, 5-Alexandru Stariș (2-Serghei Svinarenco 46), 6-Artiom Rozgoniuc, 7-Dan Taras, 8-David Androvic, 9-Dinu Graur, 10-Danu Spataru (18-Alexandru Boiciuc 63), 11-Eugeniu Rebenja, 14-Radu Rogac, 16-Ilie Damascan (15-Vadem Paireli 90)

Coach – Stelian Oprea Danut

**Referee** – Stavros Mantalos (Grecja)

**Assistenti** – Christos Akrivos, Vasilelos Karavassilis (Grecja)

**Raba' Uff.** – Ioannis Papadopoulos (Grecja)

**Ammoniti** – J. Borg, R. Camenzuli (Mlt); D. Spataru (Mld)

KAMPJONAT PREMIER

Wara t-tmien ġurnata .....

# Birkirkara jiftħu l-isfida beraħ

ritratti **Christine Borg u Dominic Bo**



Paul Fenech (Balzan) segwit minn Rowen Muscat

Fit-tmien ġurnata tal-Kampjonat Premier, Birkirkara għelbu lil-leaders Balzan bl-iskor ta' 3-0 biex fetħu beraħ l-isfida għar-rebħ tal-kampjonat.

Din ir-rebħa ma kinetx tfisser biss rebħa għall-Karkariżi iżda kienet tfisser ukoll rebħa għall-football Malti in ġenerali. Dan minħabba li kieku rebħu Balzan kienu jiftħu vantaġġ ta' disa' punti fuq l-istess Birkirkara.

Intant, fuq il-partita ma tantx hemm wieħed xi jgħid hekk kif Birkirkara aċċertaw fl-ewwel taqsima fejn il-Balzanin dehru ferm 'il bogħod mill-forma solita tagħhom hekk kif il-waqfa ta' ġimagħtejn għall-programm internazzjonali kienet detrimentali għalihom minħabba li nkiser dak il-momentum ta' konsistenza ... biex sofrew l-ewwel telfa tal-istaġun.

Din ir-rebħa kienet ukoll twissija minn Birkirkara li se jkunu minn fost l-isfidanti ewlenin għar-rebħ tat-titlu hekk kif huma armati tajjeb f'kull dipartiment.

B'din it-telfa ta' Balzan, Valletta u Hibernians, li s'issa ddiżappuntaw bil-kbir minħabba li kulħadd huwa konxju tal-qawwa li jippossjiedu, reġgħu daħlu fit-tiġrija.

U meta fadal 25 partita oħra x'jintlagħbu, issa jinsabu biss ħames punti

## I Round

**Logħba Nru 19 - 17.09.2016 - 18.00 hrs**
**Pembroke Athleta** 1
A. Agius 4 og
**Hibernians** 2
J. M. Varea 63, B. Kristensen 93

HT 1-0 **National Stadium**
**Pembroke A.** – 1-Mario Muscat, 21-Andrea Scozzese, 4-Zoran Levnaic, 6-Miguel Attard, 20-Adrian Borg, 11-Siraj Arab (3-Asani Djeljilj 81), 94-Mateus Regis Da Silva (28-Borche Manevski 72), 9-Manolito Micallef, 7- Brandon Muscat, 10-Paltemio Barbetti, 77-Luke Montebello (31-Jonathan Mariano 44)
**Coach** – Winston Muscat
**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 7-Jackson De Lima Siqueira, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 21-Renan Pimenta Telles (4-Dunstan Vella 89), 19-Johann Bezzina (10-Andrew Cohen 56), 22-Joseph Mbong, 31-Jurgen Degabriele (14-Juan Manuel Varea 56), 20-Andrei Agius
**Coach** – Mark Miller
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Roberto Vella, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Stefan Pace
**Ammoniti** – Z. Levnaic, S. Arab, B. Muscat (PA), J. Lima, R. Pimenta Telles (H)

## I Round

**Logħba Nru 20 - 17.09.2016 - 18.00 hrs**
**Mosta** 2
N. Priso 9, V. L. Oseghale 67
**Gzira United** 1
C. G. Baldacchino 66

HT 1-0 **Hibernians Stadium**
**Mosta** – 26-Manuel Bartolo, 13-Gabriel Bezak, 19-Emerson Vella, 5-Dany Djoufack, 23-Francis Chinatu Onwudinjo, 8-Kyle Frendo, 14-Dexter Xuereb, 33-Martin Vlcek, 10-Njongo Priso, 15-Adrian Caruana, 20-Victor Lucky Oseghale (77-Zachary Brincat 90)
**Coach** – Edmond Lufi
**Gzira U.** – 94-Jurgen Borg, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 5-Gianmarco Conti, 10-Rafael Ledesma, 11-Juan Carlos Corbolan (9-John Nwoba 78), 4-Jonathan Bondin (12-Joceano Da Silva Santos 68), 14-Moises Avila Perez, 23-Jacob Borg (16-Karl Pulo 68) , 7-Ellinton Morais, 44-Antonio Machedo Neto, 99-Robert De Pinho De Souza
**Coach** – Branko Nisevic
**Referee** – Philip Farrugia
**Assistenti** – Edwad Spiteri, Christopher Azzopardi
**Raba' Uff.** – Etienne Mangion
**Ammoniti** – N. Priso (M), E. A. Costa Morais, J. Da Silva Santos (GU)
**Tkecca** – J. Da Silva Santos 79, R. De Pinho Souza 90 (GU); N. Priso 90 (M)

## I Round

**Logħba Nru 21 - 17.09.2016 - 20.00 hrs**
**Balzan** 2
B. Kaljevic 50, A. Nafti 54
**Valletta** 2
L. Aguirre 16, U. Uchenna Calistus 45

HT 0-2 **National Stadium**
**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 86-Bojan Kaljevic, 50-Bruno Giglio De Oliveira, 11-Steve Bezzina, 10-Dylan Grima (7-Lydon Micallef 83), 8-Paul Fenech, 17-Alfred Effiong, 4-Justin Grioli, 30-Abdelkarim Nafti (16-Clive Brincat 74), 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 9-Matteo Piciollo (20-Terence Agius 77)
**Coach** – Oliver Spiteri
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 2-Jonathan Caruana, 4-Steve Borg, 6-Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano, 16-Jean Borg, 20-Federico Matias Falcone (9-Michael Mifsud 73), 24-Umeh Uchenna Calistus (18-Jurgen Suda 90), 25-Leandro Aguirre, 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao, 90-Romeu Pericles Romao (3-Ian Azzopardi 81)
**Coach** – Paul Zammit
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Luke Portelli, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – J. Grioli (B)

## I Round

**Logħba Nru 22 - 17.09.2016 - 20.00 hrs**
**Tarxien Rainbows** 1
S. Fernandez Prendes 44
**Floriana** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**
**Tarxien R.** – 12-Philip Schranz, 7-Triston Caruana, 8-Daniel Ponce De Leon Garcia (22-Rogelio Antonio Van Horn Avila Filho 78), 9-Alex Nillson, 15-Emerson Marcelina, 16-Sergio Fernandez Prendes, 17-Daniel Zerafa, 18-Alex Da Paixao Alves, 19-Matthew Tabone, 21-Kurt Zammit, 33-Claudio Daniel Frances (6-Julian Galea 62)
**Coach** – Jacques Scerri
partikolari. Ikun hemm sorpriżi għaliex jista' jagħti l-każ fejn team ikollu players ġodda li jkunu ta' livell aħjar minn dawk tal-istaġun ta' qabel u li dawn jagħmlu differenza biex it-team javvanza fil-fażi tal-gruppi u t-team isib ruħu jikkompeti f'sezzjoni aħjar minn dik li jkun spiċċa l-istaġun ta' qabel. Il-klassifika finali tagħli stampa ċara tal-livell tat-timijiet bejn dawk li spiċċaw fl-ewwel post, fejn il-maġġoranza tat-timijiet spiċċaw punti massimi, filwaqt li jirrifletti l-punti miksuba ta' dawk li spiċċaw fit-tieni u tielet post tal-grupp.

F'Sezzjoni A tal-U17 kellna t-timijiet ta' Hamrun, Mosta, Birkirkara, Pietá, Balzan u San Gwann li żammew posthom, filwaqt li akkumpanjawhom it-timijiet ta' St Andrew's li kienu rebbieħa ta' Sezzjoni B fl-aħħar staġun, flimkien ma' Valletta li wkoll ġejjin minn Sezzjoni B l-istaġun l-ieħor. It-timijiet ta' Floriana u Hibs ma rnexxilhomx iżommu posthom f'Sezzjoni A, filwaqt li t-team ta' Sliema, li matul l-istaġun l-ieħor ġie promoss għal Sezzjoni A, ma rnexxilux jagħmilha fil-fażi tal-gruppi u f'dan l-istaġun jikkompeti mill-gdid f'Sezzjoni B.

Assistejna għal decider bejn Zebbug u Swieqi biex jiġi stabbilit min ser jikkompeti f'Sezzjoni B u t-team tellief f'Sezzjoni C. Zebbug ħarġu rebbieħa f'din id-decider biex f'dan l-istaġun jikkompetu f'Sezzjoni B u Swieqi jakkumpanjaw lit-timijiet l-oħra f'Sezzjoni C. Dan huwa l-aspett kollu ta' dan il-format fejn l-aħjar timijiet jilagħbu mal-aħjar timijiet fil-livell ta' players li team ikollu matul dak l-istaġun.

**Għaldaqstant is-sezzjonijiet l-oħra huma ffurmati hekk:**

Sezzjoni B: Melita, Kirkop, Paola Hibs, Zebbug, Floriana, Pembroke, Sliema u Qormi.

Sezzjoni C: Zabbar, Tarxien, Rabat, Swieqi, Zejtun, Fgura, Mqabba u Lija/Iklin.

Sezzjoni D: Għaxaq, Birzebbugia, Msida, Naxxar, Mellieha, Mgarr, Luqa u Attard

Sezzjoni E: Sirens, Mtarfa, Kalkara, Sta. Venera, Gzira, Xgħajra u Marsa.

Fl-U/15 kellna din is-sitwazzjoni tal-gruppi fejn hawn ukoll is-sistema kienet dik l-istess bħal ma sar fil-livell tal-U17.

## APS BANK UNDER 15 - GROUP PHASE

### GROUP A

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | Valletta | 4 | 4 | 0 | 0 | 12 | 0 | 12 | 12 |
| Sec B | Balzan | 4 | 1 | 1 | 2 | 4 | 7 | 4 | -3 |
| Sec C | Luqa | 4 | 0 | 1 | 3 | 1 | 10 | 1 | -9 |

### GROUP B

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | San Gwann | 4 | 4 | 0 | 0 | 13 | 0 | 12 | 13 |
| Sec B | Paola Hibs | 4 | 2 | 0 | 2 | 13 | 3 | 6 | 10 |
| Sec C | Marsa | 4 | 0 | 0 | 4 | 0 | 23 | 0 | -23 |

### GROUP C

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | Mosta | 4 | 2 | 2 | 0 | 7 | 2 | 8 | 5 |
| Sec B | Hamrun | 4 | 2 | 2 | 0 | 8 | 4 | 8 | 4 |
| Sec C | Gozo | 4 | 0 | 0 | 4 | 2 | 11 | 0 | -9 |

*Mosta placed first in Group after winning Decider against Hamrun 4 - 0*

### GROUP D

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | Melita | 4 | 4 | 0 | 0 | 19 | 3 | 12 | 16 |
| Sec B | Kirkop | 4 | 1 | 1 | 2 | 6 | 7 | 4 | -1 |
| Sec C | Zabbar | 4 | 0 | 1 | 3 | 3 | 18 | 1 | -15 |

### GROUP E

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | Pieta | 2 | 2 | 0 | 0 | 8 | 0 | 6 | 8 |
| Sec B | Floriana | 2 | 0 | 0 | 2 | 0 | 8 | 0 | -8 |
| Birzebbugia (Withdrew) | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

*Birzebbugia withdrew from competition*

### GROUP F

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | Qormi | 4 | 3 | 0 | 1 | 6 | 2 | 9 | 4 |
| Sec B | Pembroke | 4 | 1 | 1 | 2 | 4 | 4 | 4 | 0 |
| Sec C | Mellieha | 4 | 1 | 1 | 2 | 2 | 6 | 4 | -4 |

### GROUP G

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | Birkirkara | 4 | 4 | 0 | 0 | 19 | 4 | 12 | 15 |
| Sec B | Lija/Iklin | 4 | 2 | 0 | 2 | 11 | 6 | 6 | 5 |
| Sec C | Tarxien | 4 | 0 | 0 | 4 | 2 | 22 | 0 | -20 |

### GROUP H

| | Teams | P | W | D | L | F | A | Pts | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sec A | St. Andrews | 4 | 4 | 0 | 0 | 25 | 4 | 12 | 21 |
| Sec B | Naxxar | 4 | 2 | 0 | 2 | 5 | 12 | 6 | -7 |
| Sec C | Sliema | 4 | 0 | 0 | 4 | 6 | 20 | 0 | -1 |

Kif juru l-klassifiki dawk li spiċċaw fl-ewwel post tal-gruppi għandhom fil-maġġoranza tagħhom punti massimi. Xi ħaġa ta' nota hija decider li kellna nassistu fi Grupp C, bejn Hamrun u Mosta, fejn spiċċaw bl-istess ammont ta' punti u riżultati fil-konfronti diretti. Mosta ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-0 fuq Hamrun fid-decider biex dawn tal-aħħar jikkompetu f'Sezzjoni B, għal dan l-istaġun. It-team ta' Birzebbugia rtira mill-kampjonat (fażi tal-gruppi) wara xi diffikultajiet li sab ruħu fihom it-team.

It-timijiet ta' Pietá, Birkirkara, Qormi, Mosta u St Andrew's ikkonfermaw il-po_izzjoni tagħhom f'Sezzjoni A bħalma kienu fl-aħhar stagun, filwaqt li kellna lil Hibs, Hamrun u Balzan li tilfu posthom minn Sezzjoni A f'dan l-istaġun. F'Sezzjoni A, ikunu t-timijiet ta' Valletta, Melita u San Gwann (kollha ġejjin minn Sezzjoni B fl-aħħar staġun) li ser ikunu t-tliet timijiet l-oħra li jiffurmaw din is-sezzjoni għal dan l-istaġun.

**Is-sezzjonijiet l-oħra huma ffurmati hekk:**

Sezzjoni B: Balzan, Paola Hibs, Hamrun, Kirkop, Floriana, Pembroke, Lija/Iklin u Naxxar.

Sezzjoni C: Luqa, Marsa, Gozo, Zabbar, Mellieha, Tarxien, Sliema.

Sezzjoni D: G_axaq, Fgura, Zebbug, Sirens, Rabat, Mqabba, Attard u Zejtun.

Sezzjoni E: Dingli, Mgarr, Mtarfa, Marsaskala, Marsaxlokk, Xg_ajra, Zurrieq u Swieqi.

Jekk nagħtu ħarsa lejn il-logħob tal-gruppi f'din il-fażi, wieħed jista' janalizza d-differenza tal-livell bejn it-timijiet minn sezzjoni għal oħra. Xi ħaġa li wieħed irid jirrimarka li għalkemm sar xi tibdil biex ma jkunx hemm riżultati hekk imsejħa kbar, xorta waħda din id-differenza ħarġet u li, bla dubju, din trid tkompli tiġi studjata matul dan l-istaġun biex kemm jista' jkun jitnaqqas dan l-impatt li jista' jkollu xi forma ta' dannu fuq ċerti timijiet.

Kollox ma' kollox kellna livell tajjeb li jawgura tajjeb biex ikollna l-kumplament ta' staġun interessanti, b'timijiet eqreb fil-livell ta' kompetizzjoni bejniethom.

# MOTORSPORTS









Is-sewwieq Malti u s-sid tal-vettura tan-Nusu Offroad Team, Neville Ciantar, kiseb it-tielet post fil-kompetizzjoni tal-Offroad fl-Ingilterra, bl-isem ta' 'King of Britain 2016'.

Din il-lappa ġewwa l-Ingilterra hija parti mill-Kampjonat tal-Ultra4-Europe. F'Mejju li għadda, Nusu Offroad Team temm fir-raba' post fi Franza filwaqt li, f'Ġunju, spiċċa wkoll fir-raba' post fl-Italja.

Ġewwa Bovington, l-Ingilterra, aktar kmieni dan ix-xahar, saret it-tellieqa f'korsa ta' 15 km (għal 22 dawra) fit-toroq mħarbta tat-tank training grounds tal-militar Ingliż.

Fil-pole position, Neville Ciantar kiseb it-tmien l-aħjar ħin filwaqt li wara li sar stage 1, ta' 180 km, Nusu Offroad spiċċa fl-ewwel post.

Fi stage 2, Nusu Offroad daħal fit-tielet post biex saħħaħ it-tielet post tiegħu f'din it-tellieqa. Fit-tieni post spiċċa l-Portugiż Costa u fl-ewwel post ġie l-Ingliż Marsden. Din it-tellieqa kienet l-aħħar waħda tal-Kampjonat Ewropew tal-Ultra4-Europe 2016.

In-Nusu Offroad Team ikkompeta fi tliet tiġrijiet min erbgħa ta' dan il-kampjonat ta' din is-sena u issa bit-tielet post fl-Ingilterra huwa kiseb ukoll ir-raba' post fil-Kampjonat Ewropew tal-Ultra4Europe 2016.

Neville Ciantar ġie wkoll ipprezentat bit trofew għal 'Spirit of the Event Award' f'din it-tellieqa għall-umiltá, sportivitá u għajnuna li huwa dejjem jagħti lill-kompetituri kollha Ewropej.

Ta' min isemmi li f'dan il-kampjonat jiehdu sehem pajjiżi bħal Svezja, Finlandja, Olanda, Norvegja, Polonja, Ingilterra, Portugall, Italja, Franza, Azerbajan, Malta u l-Belġju.

Minn Oliver Attard



# Neville Ciantar

## itemm fit-tielet post f'kompetizzjoni Offroad fl-Ingilterra



minn **Kevin J. Vella**



### Snooker - European Masters

# Judd Trump

## bis-sitt titlu personali

Judd Trump kiseb is-sitt titlu ranking tal-karriera tiegħu f'finali mill-iktar drammatika meta għeleb lil Ronnie O'Siullivan biex kiseb il-European Masters li huwa l-ewwel tournament li qatt sar fir-Rumanija.

Il-finali kienet is-sitt waħda bejn iż-żewġ players bi Trump ikun għal ħafna ħin tal-logħba minn taħt qabel ma rebaħ it-trofew fil-frame aħħari biex ħareġ rebbieħ 9-8.

Iż-żewġ players ipproduċew wirjiet dominanti f'finali bejn erba' stilel fis-semi-finali fejn Trump għeleb liċ-champion tad-dinja, Mark Selby, 6-2, u O'Sullivan kien surmast meta elimina lil Neil Robertson b'whitewash, 6-0, ħ ftit inqas minn siegħa u kwart.

Fl-ewwel frame Trump għamel break ta' 34 iżda ċeda l-kontroll tal-mejda bir-Rocket jirbaħ il-frame fuq is-sewda.

Iċ-champion tad-dinja ħames darbiet, O'Sullivan, imbagħad għamel breaks ta' 53 u 62 hekk kif fetaħ vantaġġ ta' 3-1 bi Trump jipproduċi breaks ta' 120 u 82 biex ħa żewġ frames mit-tlieta ta' wara.

Imbagħad O'Sullivan rebaħ l-aħħar frame tal-ewwel sessjoni biex beda dik ta' fil-għaxija 5-3 minn fuq.

Meta reġgħu bdew iċ-champions tal-UK, Trump, mill-ewwel naqqas il-marġni bi break stupend ta' 105 li rah jikseb id-draw waqt li kontribuzzjoni ta' break ieħor ta' 67 fil-11-il frame poġġieh 6-5 minn fuq għall-ewwel darba.

Madankollu O'Sullivan dawwar kollox u resaq sax-xifer tar-rebħa. Breaks ta' 93, 72 u 42 rawh jirbaħ tliet frames wara xulxin u jmur 8-6 fil-vantaġġ

Iżda Judd Trump ma kienx se jitlaq 'il ġewwa malajr tant li sforza l-frame deċiżiv meta fil-proċess għamel century break ieħor ta' 109.

Fl-aħħar frame il-Juddernaught ipproduċa break tajjeb ta' 74 biex issiġilla l-logħba u rebaħ t-trofew u ċ-ċekk ta' €75,000. Min-naħa tiegħu O'Sullivan rebaħ ċekk ta' €35,000

Wara l-logħba Trump qal li ma jistax jemmen. "Li tmur 8-6 minn taħt kienet xi ftit ta' qtigħ il-qalb. Iffaċċjajt blu diffiċli fil-frame ta' wara u ħsibt li rrid nagħmilha. Wara dan ma fallejtx fit-tliet frames li kien imiss u biex tipproduċi taħt pressjoni kontra Ronnie se sservini tajjeb għall-kumplament tal-istaġun.

"Hija ħaġa sabiħa li rbaħt dan it-tournament u nikseb lura l-kunfidenza. Qed nuża stikka ġdida u probabbli kelli nirbaħ lil Michael White fiċ-Ċina. Kont xi ftit demoralizzat.

Għidt lill-manager tiegħi li rrid nerġa' nibdel l-istilla, iżda qalli biex nibqa' biha. U kont fortunat li għamilt hekk," tenna Trump.

Din kienet it-tieni telfa li sofra O'Sullivan f'finali ta' tournament ranking mill-2010 u wara huwa kien f'burdata ta' riflessjoni.

O'Sullivan qal: "Kien jistħoqqlu r-rebħa u lagħab l-aħjar snooker il-ġurnata kollha. Huwa player tajjeb ħafna biex ma jkunx qed jirbaħ it-tournaments. Ikollok tgħolli jdejk fl-ajru u tgħidlu prosit. Iżda jien m'għamilt xejn ħażin. Minn 5-3 minn fuq sa 6-5 minn taħt kelli xi żewġ ċansijiet, iżda huwa ddomina l-mejda.

"Issilitt ħafna, lgħabt ħames jew sitt logħbiet din il-ġimgħa u dak huwa eżatt li kelli bżonn," temm jgħid O'Sullivan.

Il-frames żvolġew hekk: Judd Trump v Ronnie O'Sullivan 9-8 – 51-58, 74-0, 35-62 (53), 45-69 (62), 120-0 (120), 20-100 (59), 82-0 (82), 0-100 (55), 83-4, 105-21 (105), 67-1 (67), 34-93 (93), 7-72 (72), 42-75, 113-5 (109), 82-6, 74-5 (74).

# **Liang Wembo** jirbaħ l-English Open

Hekk kif giet fi tmiema l-edizzjoni inawgurali tal-*Coral English Open*, Liang Wenbo sar l-ewwel rebbieħ meta fil-final għeleb lil Judd Trump 9-6.

L-*English Open* huwa l-ewwel fost erba' ranking tournaments li jiffurmaw parti mill-*Home Nations Cup*. It-tliet tournaments l-oħra jsiru fl-Irlanda ta' fuq, l-Iskozja u Wales. Jekk xi hadd mill-players jirnexxielu jirbaħ l-erbgħa li huma, jieħu l-premju ta' £1 miljun. Għaldaqstant Wenbo huwa l-uniku konkorrent.



Waqt din il-finali, Wembo kellu kompetizzjoni qawwija minn player li kien għadu kif rebaħ 14-il logħba konsekuttiva hekk kif f'nofs ix-xahar rebaħ il-European Masters li saru f'Bucharest, ir-Rumanija meta fil-final għeleb lil Ronnie O'Sullivan. Ta' min jgħid li huwa kien dejjem minn fuq waqt din l-logħba fejn għamel breaks ta' 95 (darbtejn), 76, 92, 84,98, 'clearance' ta' 62 u 39 fl-aħħar frame li tah ir-rebħa.

Din kienet it-tielet final ta' 'ranking event' għal Wenbo. Fl-ewwel waħda tilef kontra Ronnie O'Sullivan 10-5 fix-Shanghai Masters, 2009, u wara kontra Neil Robertson fil-UK Championship tas-sena l-oħra bl-istess punteġġ.

Wara l-finali, Liang irringrazzja lil Ronnie O'Sullivan li ilu jittrenja miegħu għal dawn l-aħħar sentejn. Huwa stqarr li tgħallem ħafna mingħandu.

B'din ir-rebħa, Liang Wenbo ħa £70,000 u t-trofew li ġie msemmi għas-sitt darbiet champion tad-dinja tas-snooker, Steve Davis, li ppreżenta l-istess trofew.

B'din ir-rebħa Wembo avvanza tmien postijiet fil-klassifika għan-numru 12.

L-avveniment li jmiss tal-*Home Nations Cup* huwa fl-Irlanda ta' fuq bejn l-14 u l-20 ta' Novembru.

# **Ding Jinhui**
## jsir l-ewwel player li jirbaħ ix-Shanghai Masters darbtejn




Ding Jinhui sar l-ewwel player li rnexxielu jirbaħ ix-Shanghai Masters darbtejn meta fil-finali għeleb lil Mark Selby 10-6 u ħa l-premju ta' £85,000. Din kienet l-10 edizzjoni ta' dan ir-'ranking tournament' li jiġi mtella' f'Shanghai, fiċ-Ċina. Dan it-tournament intlagħab bejn, id-19 u l-25 ta' Settembru, bit-total ta' premjijiet ilaħħaq l-£425,000.

Ding kien diġà rebaħ dan it-titlu, fl-2013. B'hekk issa rebaħ 12-il titlu ... daqs Neil Robertson. Ħames players oħra biss rebħu aktar. Huwa tela' tliet postijiet fil-klassifika mondjali għas-sitt post. L-aħħar li dawn iż-żewġ players iltaqgħu flimkien kien fil-finali tal-kampjonati tad-dinja tas-sena l-oħra f'Sheffield fejn Mark Selby kien ħareġ rebbieħ 18-14.

Fl-ewwel sessjoni ta' din il-finali Ding għamel breaks ta' 115, 53, 59, 52 u 75 kontra 74 u 108 ta' Selby biex kienu 6-3 għal Ding. Fl-aħħar sessjoni Selby beda fuq kontrattakk bi breaks ta' 76, 102 u 53 biex ġew 6-6. Kien hawn li Ding irreaġixxa bi breaks ta' 97, 52, 63 u 46 għall-punteġġ finali ta' 10-6.

F'kummenti li ta Ding wara l-logħba esprima s-sodisfazzjon tiegħu li reġa' kiseb lura l-forma tajba li kellu tliet snin ilu meta laħaq ir-rekord ta' Stephen Hendry fejn rebaħ ħames titli fi staġun wieħed. Barra minn hekk rebaħ dan it-titlu f'pajjiżu.

Football

# Xewkija Tigers

## jirbħu s-Super Cup għat-tielet darba

Xewkija Tigers għal darb'oħra ħarġu l-karattru tagħhom meta taħt it-tmexxija l-ġdida tal-coach Jesmond Zammit, irnexxielhom b'ħames goals fit-tieni taqsima jirkupraw żvantaġġ doppju biex ma setgħux bdew aħjar l-impenji staġjonali meta issa akkwistaw dan l-unur għat-tielet darba fl-istorja tagħhom.

Din is-27 edizzjoni tas-Super Cup li ma saritx l-istaġun l-ieħor biex għall-ewwel darba fetħet l-istaġun tal-football Għawdxi, kif kien mistenni ntlagħbet quddiem attendenza ferm numeruża.

Din kienet finali li kien fiha minn kollox fosthom ukoll darbtejn qtugħ tad-dawl artifiċjali, kwarta lejn tmiem l-ewwel taqsima u mbagħad disa' minuti lejn nofs it-tieni waħda. Madankollu l-logħba waslet regolarment fi tmiem tagħha u b'hekk ġiet evitata xi replay mhux mistennija.

Il-bidu kien ferm interessanti b'azzjonijiet fuq kull naħa biex mal-ħin kienu c-champions li għarfu jamministraw biex daħlu jistrieħu b'vantaġġ doppju. Wara li fid-29 minuta Għajnsielem laqtu l-lasta permezz ta' Stefan Cassar, mill-istess azzjoni Josmar Vella waqqa' fil-kaxxa lil Kenny Hili biex mill-11-il metru Raphael Alain Kooh Sohna għeleb lil Sultana għal vantaġġ tal-Blacks. Fit-38 minuta Għajnsielem irduppjaw meta wara li Sultana salva mal-art bla ma żamm ix-xutt fil-baxx ta' Chris Camilleri, Kenny Hili kien viċin biex tefa' fl-lasti vojta. Minuta mill-intervall mar id-dawl u wara waqfien ta' kwarta, l-logħba kompliet għal ftit ħin ieħor.

Fit–tieni taqsima Għajnsielem reġgħu ħarġu aħjar iżda fis-seba' minuta Xewkija skurjaw b'daqqa ta' ras perfetta ta' Dene Sheilds peró waqt li l-ballun kien dieħel ġewwa, ir-referi għaġġel saffar għal penalty għal foul ta' Tramboo fuq Gennaro Hili, fejn imbagħad Daniel Bogdanovic ra lil Luke Buttigieg jilqalgħu parzjament u l-periklu kien ikklerjat minn Ferdinando Apap. Iżda huma ma qatgħux qalbhom tant li fl-10 minuta naqqsu l-iskor b'daqqa ta' ras ta' Dene Sheilds wara cross mix-xellug ta' Bogdanovic.

Mal-kwarta logħob Xewkija f'iktar pressjoni kisbu d-draw meta minn pass ta' Rodney Buttigieg, Thiago Dos Santos b'xutt fil-baxx xeħet fir-rokna. Żewġ minuti wara, it-Tigers saħansitra marru għall-ewwel darba minn fuq meta minn cross mil-lemin ta' Gennaro Hili, Rodney Buttigieg għola tajjeb biex bir-ras xeħet ġewwa.

Fid-19 il-minuta reġa mar id-dawl artifċijali u wara waqfien ta' disa' minuti oħra, rega tkompla l-logħob. Xewkija komplew jamministraw fejn fit-32 minuta kabbru l-vantaġġ bi ġmiel ta' xutt sabiħ ta' Daniel Bogdanovic bil-ballun ikun iddevjat biex b'hekk patta għall-iżball tal-penalty. Żewġ minuti wara huma żiedu ieħor meta f'azzjoni ta' kontrattakk, Dos Santos bidel il-ballun ma' Sheilds li wara li dan evita l-ħarġa tal-goalkiper Buttigieg, irreċiproka l-ballun lejn l-iżmarkat Thiago Dos Santos li bl-ikbar faċilitá xeħet il-ballun f'lasti vojta. Fis-37 minuta, Għajnsielem naqqsu l-iskor b'xutt fil-baxx minn tarf il-kaxxa ta' Chris Camilleri bil-ballun jaħbat ma' sieq il-lasta qabel spiċċa ġewwa. Tliet minuti fuq il-ħin Għajnsielem għamlu t-telfa waħda stretta ta' 5-4 meta wara li Sultana salva bla ma żamm ix-xutt fil-baxx mit-tul ta' Lattes, l-iżmarkat John Camilleri b'xutt nofs għoli għamel bħal ħuh, skorja kontra l-ex-team tiegħu.

Fi tmiem il-finali, ikkontrollata minn Stefan Pace assistit minn Roberto Vella u Paul Apap, il-president tal-GFA, Dr. Samwel Azzopardi assistit minn uffiċjali oħra tal-GFA ppreżenta s-Super Cup lil Josmar Vella, captian ta' Xewkija Tigers fost il-ferħ tal-partitarji numerużi tagħhom.



minn Joe Bajada

Autocross

# Donazzjoni ta' €1,020

## mill-ASMK f'Għawdex lill-Fondazzjoni Arka





Dan l-aħħar l-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi (ASMK) organizzat b'suċċess it-Tielet attivitá bil-karozzi Autocross fil-Korsa taż-Zwiemel f'Ta' Xħajma. Din l-attivitá saret bil-kolaborazzjoni u l-għajnuna tal-Ministru għal Għawdex fix-xoghol li sar temporanjament għall-karozzi fuq il-korsa.

Numru sabiħ ta' 41 kompetitur irreġistraw għal dawn il-kompetizzjonijiet maqsuma f'erba' klassijiet, dik Autocross bis-sewwieqa Maltin u klassi oħra bis-sewwieqa Għawdxin, Autocross Standard bis-sewwieqa Maltin u Għawdxin kif ukoll klassi ġdida Super Class li ġiet introdotta għall-istaġun li ġej.

Fl-Autocross bis-sewwieqa Maltin, Godfrey Gauci fuq Ford Fiesta rreġistra l-ogħla punteġġ tal-ġurnata minkejja li ma rebaħx il-heats kollha tal-ġurnata. Huwa xorta kien l-ewwel sewwieq fil-klassifika tal-finali ta' Klassi A. Miegħu kkwalifikaw Andrew Pisani fuq Opel Nova, Philip Joe Vella fuq Opel Corsa, Christian Mario Apap fuq Ford Fiesta, Jean Paul Grech fuq Peugeot 106 u Terence Azzopardi fuq Opel Corsa. Mat-tluq ta' din il-finali Pisani ħareġ fuq quddiem segwit minn Vella u Azzopardi. L-attenzjoni marret fuq Gauci li mill-aħħar post beda javvanza pożizzjoni waħda wara l-oħra sakemm kif wasal baqa' jsegwi lil-leader Azzopardi. Gauci spiċċa jirtira minħabba ħsara teknika. Għalhekk Pisani ħareġ rebbieħ quddiem Vella u Azzopardi. Fir-raba' post spiċċa Apap segwit minn Grech fil-ħames post.

Fl-Autocross Finali Klassi B,Noel Zammit fuq Fiat Punto rebaħ din il-finali quddiem Gordon Johnson fuq Opel Corsa u Joseph Micallef fuq Renault 5.

Fl-Autocross bis-sewwieqa Għawdxin, Marvin Grima fuq Opel Corsa spiċċa l-ewwel quddiem Frank Cefai fuq Ford Escort. Fit-tielet post ikklassifika Chris Sultana fuq Nissan filwaqt li fir-raba' post spiċċa Matthew Saliba fuq Ford Escort.

Fit-tiġrija tal-Autocross Standard bis-sewwieqa Maltin u Għawdxin flimkien, kienet mirbuħa minn Ian Fenech fuq Citroen segwit minn Quinn Camilleri fuq Peugeot 106. Fit-tielet post spiċċa Nickovich Chircop fuq Peugeot 206, fir-raba' post spiċċat Katrina Zammit fuq Renault 5 filwaqt li fil-ħames post daħal Melvin Buttigieg fuq Citroen AX. Fl-Autocross Super Class spiċċa rebbieħ Godwin Martin fuq Opel Corsa, b'ħuh Joseph Martin fuq Ford Escort jispiċċa warajh.

L-iskop prinċipali ta' din l-attivitá kienet biex jinġabru fondi b'risq il-Fondazzjoni Arka. Grazzi għall-ġenerożitá tal-ispettaturi li attendew għal din l-attivitá ta' darba fis-sena u daqstant ikkontribwixxew bid-donazzjoni tagħhom tant li nġabret is-somma ta' €1,020. Waqt il-preżentazzjoni lir-rebbieħa, il-president tal-ASMK, Frans Deguara, ippreżenta din is-somma lil Dun Michael Galea, li min-naħa tiegħu rringrazzja lill-Għaqda u lill-membri għal din id-donazzjoni b'risq il-Fondazzjoni ARKA li nġabret fi ftit sigħat.

L-Assoċjazzjoni tixtieq trodd ħajr lill-Gozo Horse Racing Association li aċċettaw it-talba tal-ASMK għall-użu ta' parti mill-korsa biex tinbidel f'korsa temporanja għall-karozzi Autocross, kif ukoll lill-Korp tal-Pulizija, Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi f'Għawdex, Gozo Sports Board, Road Construction Ltd, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma (WSC) u fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi speċjali lill-Familja Apap mir-Rabat li assistew lill-Uffiċjali tal-ASMK f'kull problema li ltaqgħu magħha bi tħejjija tal-korsa temporanja.



# Il-MEUSAC jgħin organizzazzjoni lokali tikseb fondi Ewropej

Malta-EU Steering & Action Committee

Minn Lynn Spiteri (Executive EU Funding)

Iktar kmieni din is-sena, il-MEUSAC assista lill-Għajnsielem Redcoats - għaqda sportiva Għawdxija tas-softball - sabiex jiksbu fondi taħt il-programm ta' fondi Ewropej, Erasmus+. Is-softball, sport li jixbaħ lill-baseball, għadu fil-bidu tiegħu f'pajjiżna u għalhekk il-fondi Ewropej jiswew mitqlu deheb biex dan l-isport jikber fil-popolarità.

B'dawn il-fondi, Għajnsielem Redcoats ser ikunu qegħdin jimplimentaw proġett tat-tip Small Collaborative Partnership flimkien ma' għaqdiet oħra tas-softball mill-Olanda (Olympia Haarlem) u mill-Kroazja (Princ Softball Club). Dan se jkun l-ewwel proġett tat-tip tiegħu implimentat u mmexxi minn organizzazzjoni Maltija.

Small Collaborative Partnerships jagħtu l-opportunità lil għaqdiet sportivi zgħar biex jikkollaboraw ma' għaqdiet sportivi żgħar oħra minn madwar l-Ewropa u jimplimentaw firxa wiesa' ta' attivitajiet. Dawn l-attivitajiet ilaqqgħu membri minn kull organizzazzjoni sabiex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom, jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jitgħallmu minn xulxin, jippromwovu logħob u sport tradizzjonali Ewropew, u jlaqqgħu voluntiera u membri ta' għaqdiet mhux governattivi.

Il-prijoritajiet identifikati għal Small Collaborative Partnerships huma tlieta: li jiġu identifikati theddidiet għall-isport bħall-vjolenza u l-użu ta' sustanzi illegali; it-tmexxija tajba fl-isport u li min jipprattika xi sport ikollu wkoll karriera f'xogħol ieħor (dual career); il-promozzjoni ta' attivitajiet volontarji fl-isport kif ukoll l-inklużjoni soċjali, opportunitajiet indaqs u t-tkabbir tal-għarfien dwar l-importanza tal-attività fiżika.

L-għajnuna tal-MEUSAC lill-Għajnsielem Redcoats kienet






tikkonsisti f'laqgħat ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' fondi tal-Unjoni Ewropea fl-isport, għajnuna biex jinstabu msieħba barranin biex ikun jista' jsir il-proġett, u assistenza prattika biex tinbena applikazzjoni tajba b'ċans ikbar li jintgħażel il-proġett.

Il-Proġett tal-Għajnsielem Redcoats, bl-isem Inclusion & Gender Equality Through Softball (IGETS), se jesplora kif permezz tas-softball tista' tiġi promossa l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, mhux biss fid-dinja tal-isport iżda anke fil-komunitajiet tagħna. Il-proġett hu maħsub ukoll biex iżid ir-rata ta' parteċipazzjoni femminili fl-isport u fl-għaqdiet sportivi billi jiġu ndirizzati konnotazzjonijiet negattivi dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-isport. Biżżejjed insemmu l-idea żbaljata li n-nisa mhumiex tajbin fl-isport daqs l-irġiel.

Dan ser isir permezz ta' laqgħat bejn nisa sportivi professjonali u l-pubbliku sabiex kemm bniet u subien, nisa u rġiel ikunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet dwar kif tħajru jidħlu fid-dinja tal-isport u kif irnexxielhom jagħmlu karriera mill-isport. B'hekk, aktar nisa u tfajliet jitħajru jipprattikaw xi sport waqt li iktar subien u rġiel jilqgħu u jappoġġjaw il-parteċipazzjoni femminili fl-isport. Il-proġett tal-Għajnsielem Redcoats ser jindirizza wkoll il-fatt illi l-mezzi tax-xandir ħafna drabi jirrappurtaw logħob sportiv tal-irġiel. Għaldaqstant, waqt il-proġett, l-organizzazzjonijiet involuti ser jiltaqgħu wkoll ma' membri tal-media f'pajjiżi differenti sabiex iħeġġuhom jirrappurtaw iktar logħob sportiv tan-nisa.

Għajnsielem Redcoats kienu fost 350 applikant ieħor, li minnhom 60 applikant ħadu l-fondi biex jimplimentaw proġetti ta' Small Collaborative Partnership. Ir-Redcoats kisbu 'l fuq minn €58,000 biex jimplimentaw il-proġett tagħhom.

Lejn it-tmiem tal-proġett, l-organizzazzjonijiet involuti ser jikkuntattjaw lill-Federazzjoni Ewropea tas-Softball sabiex twassal ir-riżultati tal-proġett IGETS lill-għaqdiet tas-softball kollha illi jaqgħu taħtha. Dan ser jimmultiplika l-impatt tal-proġett lil hinn mill-pajjiżi direttament rappreżentati. L-organizzazzjonijiet involuti jixtiequ wkoll isostnu l-koperazzjoni bejniethom anke wara li jikkonkludu l-proġett. Għal iktar informazzjoni dwar fondi tal-UE disponibbli għal għaqdiet sportivi, kif ukoll dwar kif wieħed jista' japplika għal dawn il-fondi, tistgħu tikkuntattjaw lill-MEUSAC fuq info.meusac@gov.mt jew 2200 3300. Inħeġġukom ukoll iżżuru s-sit elettroniku www.meusac.gov.mt u tissieħbu bħala membri biex tirċievu aġġornamenti regolari ta' opportunitajiet għal fondi Ewropej. Tistgħu wkoll iżżuru s-sit elettroniku ta' Għajnsielem Redcoats fuq www.ghajnsielemredcoats.com u tikkuntattjaw lill-organizzazzjoni fuq ghajnsielemredcoats@gmail.com.

## Kampjonat 1962-63

# Floriana jibdew id-difiża b'rebħa kbira fuq Rabat

minn **Tonio Farrugia**

### L-Ewwel Ġurnata

**29-09-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skorja: S. Nicholl (S) 51'**

**Sliema Wdrs. FC:** Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Peter Fitzgerald, Joe Cini (Tony Griffiths 70'), Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Fredu Church, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi (Emrich Ellul 64'), Louis Theobald, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Joe Cini ġie mibdul fis-70 minuta wara li lewa saqajh u ma setax ikompli l-partita.

2. L-akkwisti l-ġodda ta' Hibernians kienu ta' Johnnie Attard mingħand Mosta FC u l-players Borg u Salvu Gatt mingħand il-ġirien Little Rainbows FC ta' Ħal Tarxien, filwaqt li ż-żewġ players li ddebuttaw ma' Sliema Wdrs kienu Leli Micallef u Peter Fitzgerald, li t-tnejn ġew akkwistati mingħand Birkirkara FC. Għal Fitzgerald kien hemm interessati wkoll Floriana, Valletta u Rabat.

3. Iż-żagħżugħ Edward Aquilina, issa li spiċċa mill-kulleġġ ta' St. Edwards seta' jilgħab liberament mal-Wanderers. Fl-istaġun ta' qabel biex jilgħab kien ikollu jġib il-permess mingħand is-Surmast tal-Kulleġġ u l-permess mhux dejjem ingħatalu.

4. Sunny Anastasi lagħab ma' Hibernians fl-ewwel żewġ partiti tal-kampjonat biss minħabba li kien jinsab hawn Malta bil-leave minn mal-Armata. Fil-fatt fil-15 ta' Ottubru, huwa rritorna l-Ġermanja fejn kien jinsab stazzjonat fil-preżent.

5. Ma' Hibernians irritorna Victor Cassar 'Il-Palun' wara sena wieqaf mill-football. Fl-istaġun ta' qabel huwa kien iffirma għall-Wanderers iżda meta reġa' bdielu u xtaq jibqa' ma' Hibernians, il-Wanderers ma riedux jitilquh b'xejn u tiegħu riedu lil Johnnie Privitera jew lil Andrew Ellul. Hibernians m'aċċettawx it-talba tal-Wanderers u Victor Cassar iddeċieda li jieqaf sakemm tgħaddi s-sena li fiha kien marbut ma' Sliema.

6. Fil-friendlies ta' qabel il-kampjonat Sliema Wanderers għelbu lil Ħamrun Spartans 5-2 b'hat-trick ta' Sammy Nicholl u goal ta' Leli Micallef u Joe Aquilina minn penalty filwaqt li tilfu 3-1 kontra Valletta. Min-naħa tagħhom Hibernians għelbu lil Ħamrun Spartans 1-0 b'goal ta' Freddie Church u darbtejn lil Rabat FC 2-0 b'goals ta' Grima u Eddie Theobald u 5-1 b'żewġ goals ta' Jimmy Mizzi u Eddie Theobald u goal ta' Johnnie Privitera.

7. Kemm Sliema Wanderers kif ukoll Hibernians FC kellhom coach ġdid. Il-Wanderers ingaġġaw lil Mr. Frieth filwaqt li Hibernians kienu mmexxija minn Joe W. Davison.

**30-09-1962:**
**Valletta FC – St. George's FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: F. Zammit (V) 56' u J. Darmanin (V) 65'.**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Demicoli (Walter Bone 63'), Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Nenu Chircop, Josie Urpani, Tony Calleja, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci (Mario Azzopardi 46').

**St. George's FC:** Albert Borg, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Freddie Delia, Leonard Mizzi, Peppi Delceppo, Victor Brincat, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi (Edward Darmanin 63'), George Portelli (Freddie Demanuele 46') Wally Hili.

1. Bl-iskor għadu ma nfetaħx sal-ewwel taqsima, kien hemm xi diskussjonijiet jaħarqu fid-dressing room ta' Valletta fejn il-player Pawlu Gauci rrifjuta li jkompli l-partita.

2. L-ewwel goal ta' Valletta wasal b'mod kemmxejn fortunat meta l-goalkeeper Bertie Borg deher li kien ser jilqa' x-xutt imkaxakar ta' Frankie Zammit iżda l-ballun sab żrara u għola biex għadda minn fuq il-goalkeeper Borg li kien inxteħet fl-art biex jilqa' l-ballun.

3. Valletta FC kienu qed jilagħbu mingħajr Joe Zammit 'Il-Ginger' li kien għadu ma ffirmax mal-club minħabba li ried somma flus biex jaqleb professional u mingħajr Alfred Borg 'Il-Waniż' li emigra lejn l-Ingilterra. Hemmhekk huwa kellu prova ma' Q.P.R. Sabiex jagħmlu tajjeb għat-tluq tal-Waniż, Valletta akkwistaw lil Charlie Schembri 'Il-Kinnie' mingħand Hibernians.

4. Eddie Mizzi 'Il-Bagaga' kien qed jirritorna ma' St. George's wara staġun wieħed ma' Sliema Wdrs. Players oħra li ġew akkwistati mis-Saints kienu Victor Brincat li fl-istaġun ta' qabel lagħab ma' St. Patrick u George Portelli li kien jilgħab mat-team tar-Reserves ta' Valletta FC li fl-istaġun ta' qabel kien rebaħ il-kampjonat b'punti massimi.

5. Players oħra mit-team Belti champions tal-League tar-Reserves li ma kienux għadhom mal-club kienu Tony Curmi li sieħeb lil Marsa FC fit-Tieni Diviżjoni u Albert Zarb Cousin li kien jinsab għal kors fit-tul fl-Ingilterra.

6. St. George's ikkonfermaw lill-player tagħhom Peppi Delceppo sabiex ikompli jagħmilha ta' coach tat-team. Delceppo kien ġie maħtur coach ta' St. George's f'nofs l-istaġun ta' qabel. Min-naħa tagħhom Valletta FC ħatru lil P.T.I Norris bħala t-trainer tagħhom. Fl-istaġun ta' qabel P.T.I Norris kellu l-istess xogħol ma' Sliema Wdrs. FC.

**06-10-1962:**
**Floriana FC – Rabat FC 5-0**
**H.T 1-0** **Ref: Joseph F.X. Galea**
**Skurjaw: B. Dalli (F) 35' u 50', C. Bennetti (F) 53', T. Cauchi (F) 65' u B. Dalli (F) 74'**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Jimmy Farrugia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Lolly Borg, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Frans Peplow, Carmelo Nappa, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charles Zammit, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo.

1. Billy Dalli, li skorja hat-trick f'din il-partita, kien iżżewweġ, fl-1 ta' Settembru, 1962, u kien qed jippjana li jemigra lejn l-Awstralja, f'Novembru.

2. Minkejja t-telfa kbira kienu Rabat FC li heddew li jiftħu l-iskor fl-ewwel minuti tal-partita meta l-ewwel ġew imċaħħda minn penalty għall-imbottatura fuq Azzopardi li

tħalliet għaddejja u fl-20 minuta kien Nenu MacKay li salva minn fuq il-linja tentattiv ta' George Tonna li kien għeleb lill-goalkeeper Fabri.

3. Floriana kellhom nieqes lil Lolly Debattista fejn minfloku daħal Jimmy Farrugia filwaqt li rritorna Nenu MacKay wara li s-sena ta' qabel kien ġie sospiż għall-bqija tal-istaġun wara l-kwistjoni fuq pagamenti li kien irċieva mingħand Valletta meta klen player amateur.

4. Rabat FC tilfu lill-player tagħhom Pawlu Micallef 'Gadoxxa' li, fit-23 ta'Awwissu, 1962, kien emigra lejn l-Awstralja.

5. Il-players il-ġodda ta' Rabat FC kienu Pawlu Carbonaro ex-Valletta, li ffirma professjonali ma' Rabat fejn tħallas £350 *signing-on fee*, Joe Bugeja li fl-istaġun ta' qabel lagħab ma' St. Patrick FC u Frans Peplow li ġie akkwistat mingħand Marsa FC.

Huma kienu akkwistaw ukoll lil Freddie Cauchi, it-tifel ta' 'Kaneni' Cauchi, mingħand Floriana, iżda dan irrifjuta li jilgħab kontra t-team tal-lokalitá tiegħu f'din l-ewwel ħarġa tal-kampjonat. Barra minn hekk, ma' Rabat irritorna jilgħab Pawlu Said li kien ilu diversi xhur nieqes filwaqt li rnexxielhom iżommu magħhom lill-aħwa Vince u Twanny Vassallo u lit-top scorer tat-Tieni Diviżjoni George Tonna li kollha riduhom il-clubs il-kbar.

6. Rabat FC ħatru lill-ex difensur tagħhom Alfie Pearson bħala coach filwaqt li Floriana ħatru lil P.T.I Wilson bħala coach. Wilson kien jaħdem fuq il-vapur *Ausonia*. Fl-istaġun ta' qabel il-coach kien Joe Cilia iżda billi Rabat rebħu l-promozzjoni, Cilia ma setax ikompli magħhom minħabba li kien player ta' Valletta FC.

7. Floriana FC taw *free-transfer* liż-żewġ goalkeepers kuġini Ġużi u Salvu Alamango filwaqt li ttrasferew lil Eddie Bonett lill-club amateur ta' Melita FC u lil Johnnie Sultana, wieħed mill-aħwa Sultana, lill-club tat-Tielet Diviżjoni Vittoriosa Stars. Player ieħor ta' Floriana li ġie trasferit lill-Istars kien George Theuma wara li kienu akkwistawh mingħand Birkirkara u ma rnexxielux jidħol fl-ewwel team tagħhom.

8. Floriana akkwistaw lid-difensur Joe Grima mingħand Sliema Wanderers. Grima kien ried £250 *signing-on fee* mingħand Sliema iżda l-Wanderers min-naħa tagħhom kienu tawh £100.

**07-10-1962:**
**Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: F. Borg (Ħ) 19' u L. Bugeja (B) 89'**

Ħamrun Sp. FC: Vince Tedesco, Martin Attard, Alfred 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Cuschieri, Albert Calleja, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras (Gejtu Briffa 75'), Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, George Micallef.

**Birkirkara FC:** Peter Galea, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, Carmelo Micallef (Farrugia 57'), John Camilleri, George Dalli, Emmanuel Theuma, Leli Pace, Louis Bugeja, Leli Tonna, Toni Caruana.

1. B'goal skurjat fl-aħħar minuta tal-partita minn Louis Bugeja f'din l-ewwel partita tal-kampjonat Birkirkara rnexxielhom jakkwistaw l-uniku punt f'dan l-istaġun 1962-63. Fil-fatt wara segwew 13-il telfa bl-Istripes jiġu relegati.

2. Ħamrun Spartans akkwistaw lill players Ronnie Armeni, George Micallef u Twanny Sciberras 'Ix-Xixu' li fl-istaġun ta' qabel kollha kienu regolari mar-Reserves ta' Sliema Wanderers. L-Ispartans akkwistaw ukoll il-goalkeeper Vince Tedesco mingħand Floriana. Fil-fatt Ħamrun kienu fi bżonn ta' goalkeeper meta Lino Mizzi ġie trasferit lil Floriana u Jimmy Gatt infurmahom li kien ser jemigra lejn l-Awstralja. L-Ispartans kienu wrew interess ukoll fil-goalkeeper Charlie Vella ta' St. Patrick.

3. Leli Mallia rritorna fit-team ta' Birkirkara wara li skonta s-sospensjoni ta' sena. Anke Alfred Borg tal-Ispartans kien qed jirritorna wara nuqqas ta' sena meta l-persuna fil-kumitat Ħamruniż li kellu xi differenzi magħha kienet irriżenjat mill-Kumitat.

4. Il-coach ta' Birkirkara kien Leli Saliba 'Il-Likku' filwaqt li Ħamrun Spartans ikkonfermaw lil Salvu Cuschieri fil-kariga ta' coach. Fil-fatt Cuschieri kien inħatar coach tal-Ispartans f'nofs l-istaġun ta' qabel meta Salvinu Schembri kien siefer mal-Armata.

5. Birkirkara sabu diversi problemi biex jgħaqqdu team kompetittiv għal dan l-istaġun meta l-players Leli Micallef u Fitzgerald issieħbu ma' Sliema Wanderers, Frans Bonnici 'Il-Lula' kien għadu l-Ġermanja mal-Armata, filwaqt li l-players Louis Bugeja, Ġorġ Dalli u Toni Caruana, minkejja li lagħbu f'din il-partita, kollha kienu talbu biex jingħaqdu ma' clubs oħra.

6. Matul is-sajf il-player ta' Birkirkara Tony 'Euchar' Grech kien magħżul mill-Malta Amateur Athletics Association (MAAA) sabiex jirrappreżenta lil Malta fil-European Championships f'Belgrade, il-Jugoslavja.

Grech, li fl-atletika kien mal-clubs tar-Royal Air Force u Atlanta Sports Club kellu 10.1 sekonda bħala l-aħjar ħin tiegħu fuq id-distanza ta' 100 jarda. F'Belgrade Grech, li kien akkumpanjat mill-uffiċjal tal-MAAA L. Grasso, ġera il-mitt metru fit-12 ta' Settembru, iżda waqt it-tellieqa weġġa' u ħareġ fuq stretcher wara li ġibed muskolu.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC, Vallella FC u Floriana FC 2 pti.; Birkirkara FC u Ħamrun Sp. FC 1 pt.; Hibernians FC, St. George's FC u Rabat FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: B. Dalli (Floriana FC) 3 goals.

## AĦBARIJIET

Fid-19 ta' Lulju 1962 tħabbar li l-player ta' Floriana Lolly Borg kien ir-rebbieħ tal-Footballer of the Year meta kiseb 39 punt minn massimu ta' 41 li seta' jikseb kull player. Il-41 punt kienu mqassmu hekk: 10 punti għall-preżenzi fil-kampjonat; 10 punti għall-preżenzi fit-team nazzjonali; 10 punti għall-imġieba fil-ground; ħames punti għall-wirjiet mal-club u sitt punti għall-wirjiet mat-team nazzjonali. Il-Bord tal-għażla tal-Footballer of the Year kien kompost minn Dr. Maurice Decesare, Robbie Borg Olivier, Carmel Libreri, Pawlu Debattista filwaqt li Eugenio Bonello kien Segretarju tal-Bord.

Fil-Laqgħa Ġenerali tal-MFA, tat-Tlieta 24 ta' Lulju, 1962, saret elezzjoni għall-ħatra ta' President tal-MFA fejn Eugenio Bonello ġie elett f'din il-kariga meta kiseb 16-il vot. Il-kandidati l-oħra għall-Presidenza tal-MGA kienu Dr. Spiridione Camilleri (disa' voti), Robbie Borg Olivier (ħames voti) u l-Maġġur Alfred Stagno Navarra (żewġ voti).

Fil-laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-Ħamis 6 ta' Awwissu, 1962, tħabbar li kien twaqqaf in-National Team Technical Board li kien kompost mill-President tal-MFA Eugenio Bonello bħala Chairman u mill-coaches Joe Griffiths, Joe Bonnici Soler, Karm Borg u Louis Borg.

Fl-20 ta' Awwissu, 1962, l-ex-player ta' Valletta FC u l-1st Coast Regiment (RMA) Ġużi Demicoli 'Il-Kanesi' ħassu ħażin u miet f'daqqa meta kien fil-Medical Inspection Room fil-Barracks ta' St. Andrew's. Huwa kellu 47 sena u kien miżżewweġ bi tlett itfal. Fi żmienu huwa kien jilgħab ukoll il-waterpolo fil-pożizzjoni ta' goalkeeper fejn kien ħa sehem mat-team Malti fil-Logħob Olimpiku ta' Berlin, fl-1936.

Fil-15 ta' Settembru, 1962, tħabbret il-mewt tal-goalkeeper famuż tas-snin għoxrin Emanuel Azzopardi 'Il-Gejta'. Huwa kellu 59 sena. Huwa kien jilgħab ma' Floriana iżda kien għamel xi żmien jilgħab ukoll ma' Valletta u Hibernians. Il-Gejta kellu lil ħutu George u Nenu li wkoll kienu jilagħbu ma' Floriana fis-snin għoxrin u tletin filwaqt li n-neputi tiegħu (it-tifel ta' George) kien Charlie Azzopardi 'Il-Grioss' li kien jifforma parti miż-żagħżagħ famużi tal-Ajax qabel ma lagħab ma' Floriana u Rabat FC fl-Ewwel Diviżjoni. Kienet inżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tiegħu qabel il-partita tat-Tazza taċ-Champions bejn Floriana u Ipswich Town.

Fid-19 ta' Settembru, 1962, ir-referee Joe Cassar Naudi kkontrolla l-partita mill-Ewwel Round tat-Tazza taċ-Champions li ntlagħbet fil-Greċja u li fiha Panathinaikos tilfu 4-1 kontra Polonia Bytom biex sfaw eliminati bi skor aggregate ta' 6-2. Cassar Naudi kien akkumpanjat minn Pawlu Bonnett u Turu Lentini li kienu linesmen.




EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.
Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2016

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.
Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 114



Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 114 huwa:
**M. Camilleri - Fgura**



# Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 114

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C | H | R | I | S | B | O | N | E | T | T | | P | |
| H | | I | | A | | G | | B | | R | E | E | S |
| E | L | E | A | N | O | R | | I | V | A | | L | |
| T | | U | | T | | I | A | N | | V | O | L | Z |
| C | O | X | L | E | S | S | | U | | E | | I | |
| U | | | I | | E | | A | M | E | R | I | C | O |
| T | I | M | M | E | R | S | | A | | S | | A | |
| I | | | B | | H | | H | | S | A | G | N | A |
| | A | B | E | D | I | N | I | | H | | H | O | Y |
| | G | | R | | Y | | N | I | E | M | I | | R |
| H | U | R | S | T | | | D | | L | | O | R | O |
| | I | | K | E | L | M | E | N | D | I | | | L |
| M | A | R | Y | N | A | | S | | O | | O | | D |
| | R | | | N | I | K | | A | N | D | R | E | I |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru 2016:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 114:
**T. Magro - Tarxien**

**MIMDUDIN**

1) Yevhen, ir-referee Ukren li 'għarraq' lil Malta kontra Skozja (10)
8) Zhang, player Ċiniż 'tad-deheb' fit-Table Tennis (4)
9) Didier, minn player għal coach nazzjonali ta' Franza (9)
10) Inzamam-..-Haq, ex cricketer Pakistani ta' fama mondjali (2)
11) Mhux Offside (6)
12) Adam kien assenti mill-logħba Ingilterra-Malta f'Wembley (7)
14) Tadeusz, ex difensur tal-Polonja (5)
17) Alessandro, l-isbaħ goal tal-Azzurri skorjah kontra Malta (9)
19) Udoh Felix, difensur Niġerjan ta' St. Andrew's (4)
20) International Association of Athletics Federations (1,1,1,1)
22) 1965 - Floriana vs Borussia Dortmund - Manoel ...... Ground (6)
24) Pimenta Telles, attakkant Brażiljan ta' Hibs f'Malta (5)
26) John, winger ta' Glasgow Rangers FC 1904-1910 (3)
27) Kingston, wrestler Ghanjan Amerikan ta' fama mondjali (4)
31) Yazmin Zammit ......, weightlifter internazzjoanli Maltija (7)
33) Ai, player Ġappuniża tat-Table Tennis (8)
34) Razvan, left-back Rumen ta' Rayo Vallecano (3)
35) Dan jista' jkun l-ewwel jew it-tieni fli Sport (3)
37) Joao Alves de Assis Silva, ex attakkant tal-Brażil (2)
38) Psaila, player internazzjonali Malti tac-Chess (8)
39) Gyula, futboler Ungeriż fil-Fifa WC 1934 u 1938 (5)

**WEQFIN**

1) Nafti, midfielder offensiv Tuneżin ta' Balzan Youths (10)
2) "......... Meadow", żiemel Olandiż ta' 9 snin (10)
3) Mario, midfielder Messikan fil-Fifa WC 1950 u 1954 (5)
4) Jorge, coach attwali ta' Seville FC fi Spanja (8)
5) "........ Grif", debba Taljana ta' 12-il sena (8)
6) William, ċiklist Malti ta' The Cyclist CC (4)
7) Aleksander, il-President il-ġdid tal-UEFA (7)
8) Fontaine, 30 goal Franċiż f'21 partita (4)
13) Panthere Sportive du ...... club tal-Football fil-Kamerun (3)
15) Carlos, ex difensur internazzjonali Amerikan (7)
16) Callum, żewġ midalji Brittannici fiċ-Ċikliżmu f'Rio 2016 (7)
18) u 36) Ever, akkwist riċenti u eċċellenti ta' Inter FC (6)
21) Brad iddefenda l-lasti ta' bosta timijiet f'600 partita u aktar (7)
23) Bartolo, player internazzjonali Malti tat-Table Football (6)
25) Daniel, tennista professjonali Kanadiż (6)
28) Full-Time (1,1)
29) Gary, midfileder Skoċċiż ta' Sliema Wanderers (4)
30) ".... Poifond", żiemel Franċiż ta' 18-il sena (4)
32) Karl, il-moħħ wara l-ftuħ ta' skate park indoor f'Malta (4)
36) Ara 18 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt